**QORTI TAL-APPELL KRIMINALI**
**(SEDE SUPERJURI)**

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF DR MARK CHETCUTI LL.D.**

**ONOR. IMĦALLEF DR EDWINA GRIMA LL.D.**

**ONOR. IMĦALLEF DR AARON M. BUGEJA M.A. (LAW), LL.D. (MELIT)**

**Illum l-Erbgħa 26 ta' Jannar 2021**

**Att tal-Akkuża Nru. 8/2018**

**Ir-Repubblika ta` Malta**

**vs**

**-Omissis-**

**Seydou Bandaogo**

**Il-Qorti:**

1.Rat l-Att tal-Akkuża imressa quddiem il-Qorti Kriminali mill-Avukat Ġenerali fil-25 ta' Mejju 2018 kontra *Omissis* u l-appellant, li bis-saħħa tiegħu l-istess Avukat Ġenerali akkużahom:

i. Fl-**Ewwel Kap**, illi nhar is-sittax (16) ta' Lulju tas-sena elfejn u sittax (2016), bejn il- ħamsa neqsin kwart ta' filgħodu (4:45am) u l-ħamsa u nofs ta' filgħodu (5:30am), il-Pulizija stazzjonati ġewwa l-Għassa ta' San Ġiljan irċevew telefonata fejn ġie rrapurtat li viċin l-istabbiliment Fuego, ġewwa l-istess San Ġiljan, kien hemm tfajla li nħatfet minn żewġt irġiel ta' karnaġġjon skur, liema rġiel daħħlu bil-forza lil din l-istess tfajla ġewwa l-vettura tagħhom tal-għamla Fiat Palio u saqu biha minn fuq il-post;

Illi, il-Pulizija aċċedew fuq il-post indikat fejn hemmhekk tkellmu ma' xi nies ta' nazzjonalita' barranija li stqarrew li t-tfajla li allegatament inħatfet kienet qegħdha tgħajjat meta dawn iz-zewġ irġiel ta' karnaġġjon skur daħluha bil-forza fil-vettura tagħhom u saqu biha minn fuq il-post;

Illi, immedjatament il-Pulizija Ezekuttiva bdiet it-tfittxija għal din il-vettura tal-għamla Fiat Palio li eventwalment instabet f'parti mwarrba ta' Pembroke. Meta avviċinaw din l-istess vettura, il-Pulizija raw persuna maskili ta' karnaġġjon skur – li wara ġie identifikat bħala l-akkużat Seydou Bandaogo – li kien miexi viċin din il-vettura kif ukoll raw persuna oħra ta' karnaġġjon skur – li wara ġie identifikat bħala l-akkużat Emmanuel Makuochukwu Ngumezi – li kien qiegħed mimdud fuq il-vittma – li wara ġiet identifikata bħala Omissis 1, tfajla ta' nazzjonalita' Taljana – u li kellu l-qalziet tiegħu imniżżel kompletament u l-parti ġenitali tiegħu esposta;

Illi, l-akkużati ġew it-tnejn arrestati u Omissis 1, li kienet nofsha mneżża' u emozzjonata ferm, ġiet meħudha l-iSptar Mater Dei sabiex tingħata l-kura medika li kienet teħtieġ;

Illi, infatti l-espert tal-Qorti Dr Mario Scerri, fil-kors tal-eżami medikolegali li għamel fil-konfront tal-vittma Omissis 1, ikkonkluda, fost affarijiet oħra, li hi kellha diversi ġrieħi fuq persuntha kif ukoll kellha evidenza ta' penetrazzjoni sfurzata;

Illi, Omissis 1 stqarret mal-Pulizija illi matul il-lejl tal-ħmistax (15) ta' Lulju tas-sena elfejn u sittax (2016) hija kienet marret ma' xi ħbieb tagħha ġewwa Paceville fejn hemmhekk huma bdew jixorbu xorb alkoħoliku. Stqarret li meta kienet fi triqtha lura lejn id-dar, fis-siegħat bikrin tas-sittax (16) ta' Lulju tas-sena elfejn u sittax (2016), hija għaddiet minn ħdejn l-istabbiliment Hugo's Terrace fejn hemmhekk kien hemm żewġt irġiel ta' karnaġġjon skur li hi ma kinitx taf u li kienu liebsin flokk blu (Emmanuel Makuochukwu Ngumezi) u flokk oranġjo (Seydou Bandaogo)

rispettivament. Omissis 1 stqarret li ma kienetx daqstant soda fuq saqajha minħabba li kienet għadha taħt l-influwenza tal-alkoħol u meta raw hekk, dawn iz-zewġ irġiel imbuttawha għal ġewwa l-vettura tagħhom;

Illi, Omissis 1 tirrakonta li hi bdiet tgħajjat, tagħti b'idha, tagħti b'ponnijiet u tibki u li minħabba f'hekk wieħed mill-irġiel għattielha ħalqha filwaqt li l-ieħor saq u waqfu x'imkien fl-imwarrab. Hija ntilfet minn sensiha għal xi ħin u meta reġgħet ġiet f'sensiha, kienet nofsha mnezza' (kienet liebsha biss bra u flokk) u ma kinitx għadha fis-seat ta' wara tal-vettura imsemmija izda fis-seat ta' quddiem tan-naħa tal-passiġġier, b'saqajha l-barra u dahrha n-naħa tas-seat tas-sewwieq;

Illi, f'dak il-mument ir-raġel li kien liebes il-flokk blu (Emmanuel Makuochukwu Ngumezi) kien qed jistupraha, u cioe' kien qed ikollu konġunġiment karnali magħha kontra l-volonta' tagħha, billi ppenetra l-parti ġenitali tagħha permezz tal-parti ġenitali tiegħu, filwaqt li r-raġel l-ieħor li kien liebes il-flokk l-oranġjo (Seydou Bandaogo) kien qed iħares lejhom. Omissis 1 tistqarr li bdiet tgħajjat, tibki, titlob u tagħti bis-sieq pero` xejn minn dan ma waqqaf lill-istess Ngumezi milli jkompli jistupraha;

Illi, kien biss minħabba l-intervent tal-Pulizija Ezekuttiva li Omissis 1 ma baqgħetx tiġi stuprata mill-akkużat Emmanuel Makuochukwu Ngumezi;

Illi, in oltre, mill-eżamijiet tad-DNA kondotti mill-espert tal-Qorti Dr Marisa Cassar, irriżulta illi sakemm li Omissis 1 kienet mitlufa minn sensiha, l-akkużat Seydou Bandaogo wkoll kellu konġunġiment karnali mal-istess Omissis 1 billi ppenetra l-parti ġenitali tagħha permezz tal-parti ġenitali tiegħu, u dana ċertament mingħajr il-kunsens tagħha u kwindi kontra l-volonta' tagħha;

Illi, dan l-istupru huwa wieħed aggravat ai termini tal-liġi stante li ġie kommess minn tnejn minn nies li għenu lil xulxin fl-eżekuzzjoni tad-delitt;

Illi, permezz ta' sentenza datata tlieta u għoxrin (23) ta' Settembru tas-sena elfejn u erbatax (2014) fl-ismijiet: Il-Pulizija (Spettur Maria Stella Attard) vs. Emmanuel Makuochukwu Ngumezi (per Maġ. Dr Francesco Depasquale LL.D.), l-akkużat Emmanuel Makuochukwu Ngumezi kien instab ħati ta' reat/i kriminali, u għaldaqstant huwa ukoll reċidiv għall-fini u l-effetti kollha tal-Liġi.

Illi, għalhekk, b'għemilhom, l-akkużati Emmanuel Makuochukwu Ngumezi, reċidiv f'delitt, u Seydou Bandaogo saru ħatja ta' stupru vjolenti

aggravat, u ċioe' talli nhar is-sittax (16) ta' Lulju tas-sena elfejn u sittax (2016), għall-ħabta tal-ħamsa u nofs ta' filgħodu (5:30am), f'dawn il-Gżejjer, bil-vjolenza, ikkommettew stupru fuq il-persuna tas-sess femminili (Omissis 1), b'dana illi dan l-istupru huwa wieħed aggravat stante li ġie kommess minn tnejn minn nies li għenu lil xulxin fl-eżekuzzjoni tad-delitt;

Illi, di piu', per konsegwenza tar-reat surreferit, l-akkużat Emmanuel Makuochukwu Ngumezi rrenda ruħu reċidiv.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond taċ-ċirkostanzi, żmien, lok, u fatti msemmija aktar 'l fuq f'dan il-Kap tal-Att t'Akkuża, akkuża lill-imsemmija akkużati Emmanuel Makuochukwu Ngumezi, reċidiv f'delitt, u Seydou Bandaogo, ħatja ta' stupru vjolenti aggravat, u ċioe' talli nhar is-sittax (16) ta' Lulju tas-sena elfejn u sittax (2016), għall-ħabta tal-ħamsa u nofs ta' filgħodu (5:30am), f'dawn il-Gżejjer, bil-vjolenza, ikkommettew stupru fuq il-persuna tas-sess femminili (Omissis 1), b'dana illi dan l-istupru huwa wieħed aggravat stante li ġie kommess minn tnejn minn nies li għenu lil xulxin fl-eżekuzzjoni tad-delitt;

L-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond taċ-ċirkostanzi, żmien, lok u fatti msemmija aktar 'l fuq f'dan il-Kap tal-Att tal-Akkuża, akkuża ukoll lil Emmanuel Makuochukwu Ngumezi li rrenda ruħu reċidiv.

Konsegwentement l-Avukat Ġenerali talab illi jingħamel skont il-Liġi kontra l-imsemmija akkużati Emmanuel Makuochukwu Ngumezi u Seydou Bandaogo u:

a. Fil-każ tal-akkużat Emmanuel Makuochukwu Ngumezi illi jiġi kkundannat għall-piena ta' priġunerija minn erba' (4) snin sa tletin (30) sena, bir-reklużjoni jew mingħajrha, u dana skont dak li hemm u jintqal fl-artikoli 17, 31, 49, 50, 198, 202(d), 383, 384, 385, 412Ċ, 532A u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, jew għal kull piena oħra li tista' skont il-Liġi tingħata għall-ħtija tal-imsemmi akkużati u

b. fil-każ tal-akkużat Seydou Bandaogo illi jiġi kkundannat għall-piena ta' priġunerija minn erba' (4) snin sa għoxrin (20) sena, bir-reklużjoni jew mingħajrha, u dana skont dak li hemm u jintqal fl-artikoli 17, 31, 198, 202(d), 383, 384, 385, 412Ċ, 532A u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, jew għal kull piena oħra li tista' skont il-Liġi tingħata għall-ħtija tal-imsemmi akkużat.

ii. Fit-**Tieni Kap**, illi fil-kuntest taċ-ċirkostanzi, żmien, lok u fatti imsemmija fl-Ewwel (1) Kap ta' dan l-Att t'Akkuża, u ċioe' nhar is-sittax (16) ta' Lulju tas-sena elfejn u sittax (2016), għall-ħabta tal-ħamsa u nofs ta' filgħodu (5:30am), f'dawn il-Gżejjer, l-akkużati Seydou Bandaogo u Emmanuel Makuochukwu Ngumezi ikkomettew attentat vjolenti għall-pudur ta' Omissis 1;

Illi, kif ġia espost fil-Kap preċedenti ta' dan l-Att t'Akkuża, fis-siegħat bikrin tas-sittax (16) ta' Lulju tas-sena elfejn u sittax (2016), il-Pulizija stazzjonati ġewwa l-Għassa ta' San Ġiljan irċevew telefonata fejn ġie rrapurtat li viċin l-istabbiliment Fuego, ġewwa l-istess San Ġiljan, kien hemm tfajla li nħatfet minn zewġt irġiel ta' karnaġġjon skur, liema rġiel daħħlu bil-forza lil din l-istess tfajla ġewwa l-vettura tagħhom tal-għamla Fiat Palio u saqu biha minn fuq il-post;

Illi, immedjatament il-Pulizija Ezekuttiva bdiet it-tfittxija għal din il-vettura tal-għamla Fiat Palio li eventwalment instabet f'parti mwarrba ta' Pembroke. Meta avviċinaw din l-istess vettura, il-Pulizija raw persuna maskili ta' karnaġġjon skur – li wara ġie identifikat bħala l-akkużat Seydou Bandaogo – li kien miexi viċin din il-vettura kif ukoll raw persuna oħra ta' karnaġġjon skura – li wara ġie identifikat bħala l-akkużat Emmanuel Makuochukwu Ngumezi – li kien qiegħed mimdud fuq il-vittma – li wara ġiet identifikata bħala Omissis 1, tfajla ta' nazzjonalita' Taljana – u li kellu l-qalziet tiegħu imniżżel kompletament u l-parti ġenitali tiegħu esposta;

Illi, l-akkużati ġew it-tnejn arrestati u Omissis 1, li kienet nofsha mneżża u emozzjonata ferm, ġiet meħudha l-iSptar Mater Dei sabiex tingħata l-kura medika li kienet teħtieġ;

Illi, infatti l-espert tal-Qorti Dr Mario Scerri, fil-kors tal-eżami medikolegali li għamel fil-konfront tal-vittma Omissis 1, ikkonkluda, fost affarijiet oħra, li hi kellha diversi ġrieħi fuq persuntha kif ukoll kellha evidenza ta' penetrazzjoni sfurzata;

Illi, wara li nstabet il-vettura in kwistjoni, Omissis 1 ġiet mitkellma mill-Pulizija fejn hija rrakuntat minn xiex kienet għaddiet matul il-lejl ta' bejn il-ħmistax (15) ta' Lulju tas-sena elfejn u sittax (2016) u s-sittax (16) ta' Lulju tas-sena elfejn u sittax (2016), li matulu kienet filfatt ġiet assaltata u stuprata mill-akkużati Seydou Bandaogo u Emmanuel Makuochukwu Ngumezi, kif ġja deskritt fil-Kap preċedenti ta' dan l-Att t'Akkuża. In suċċint, hija stqarret li kienet filfatt inħatfet mill-akkużati li ħaduha f'post

imwarrab u li pproċedew sabiex ikollhom konġunġiment karnali magħha, u dana kontra l-volonta' tagħha;

Illi, dan l-attentat vjolenti għall-pudur fuq il-persuna ta' Omissis 1, huwa wieħed aggravat ai termini tal-liġi stante li ġie kommess minn tnejn minn nies li għenu lil xulxin fl-eżekuzzjoni tad-delitt;

Illi, permezz ta' sentenza datata tlieta u għoxrin (23) ta' Settembru tas-sena elfejn u erbatax (2014) fl-ismijiet: Il-Pulizija (Spettur Maria Stella Attard) vs. Emmanuel Makuochukwu Ngumezi (per Maġ. Dr Francesco Depasquale LL.D.), l-akkużat Emmanuel Makuochukwu Ngumezi kien instab ħati ta' reat/i kriminali, u għaldaqstant huwa ukoll reċidiv għall-fini u l-effetti kollha tal-Liġi.

Illi, għalhekk, b'għemilhom, l-akkużati Emmanuel Makuochukwu Ngumezi, reċidiv f'delitt, u Seydou Bandaogo saru ħatja talli nhar is-sittax (16) ta' Lulju tas-sena elfejn u sittax (2016), għall-ħabta tal-ħamsa u nofs ta' filgħodu (5:30am), f'dawn il-Gżejjer, ikkommettew attentat vjolenti għall-pudur fuq il-persuna ta' Omissis 1, b'dana illi dan ir-reat huwa wieħed aggravat stante li ġie kommess minn tnejn minn nies li għenu lil xulxin fl-eżekuzzjoni tad-delitt.

Illi, di piu', per konsegwenza tar-reat surreferit, l-akkużat Emmanuel Makuochukwu Ngumezi rrenda ruħu reċidiv.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond taċ-ċirkostanzi, żmien, lok, u fatti msemmija aktar 'l fuq f'dan il-Kap tal-Att t'Akkuża, akkuża lill-imsemmija akkużati Emmanuel Makuochukwu Ngumezi, reċidiv f'delitt, u Seydou Bandaogo, ħatja talli nhar is-sittax (16) ta' Lulju tas-sena elfejn u sittax (2016), għall-ħabta tal-ħamsa u nofs ta' filgħodu (5:30am), f'dawn il-Gżejjer, ikkommettew attentat vjolenti għall-pudur fuq il-persuna ta' Omissis 1, b'dana illi dan ir-reat huwa wieħed aggravat stante li ġie kommess minn tnejn minn nies li għenu lil xulxin fl-eżekuzzjoni tad-delitt.

L-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond taċ-ċirkostanzi, żmien, lok u fatti msemmija aktar 'l fuq f'dan il-Kap tal-Att tal-Akkuża, jakkuża ukoll lil Emmanuel Makuochukwu Ngumezi li rrenda ruħu reċidiv.

Konsegwentement l-Avukat Ġenerali talab illi jingħamel skont il-Liġi kontra l-imsemmija akkużati Emmanuel Makuochukwu Ngumezi u Seydou Bandaogo u:

a. Fil-każ tal-akkużat Emmanuel Makuochukwu Ngumezi illi jiġi kkundannat għall-piena ta' priġunerija minn sitt (6) xhur sa sentejn, u dana skont dak li hemm u jintqal fl-artikoli 17, 31, 49, 50, 207, 202(g), 383, 384, 385, 412Ċ, 532A u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, jew għal kull piena oħra li tista' skont il-Liġi tingħata għall-ħtija tal-imsemmi akkużat; u

b. fil-każ tal-akkużat Seydou Bandaogo illi jiġi kkundannat għall-piena ta' priġunerija minn sitt (6) xhur sa tmintax (18) -il xahar, u dan skont dak li hemm u jintqal fl-artikoli 17, 31, 207, 202(g), 383, 384, 385, 412Ċ, 532A u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, jew għal kull piena oħra li tista' skont il-Liġi tingħata għall-ħtija tal-imsemmi akkużat.

iii. Fit-**Tielet Kap**, illi, fil-kuntest taċ-ċirkostanzi, żmien, lok u fatti imsemmija fil-Kapi preċedenti ta' dan l-Att t'Akkuża, u ċioe' nhar is-sittax (16) ta' Lulju tas-sena elfejn u sittax (2016), għall-ħabta tal-ħamsa u nofs ta' filgħodu (5:30am), f'dawn il-Gżejjer, l-akkużati Seydou Bandaogo u Emmanuel Makuochukwu Ngumezi offendew il-pudur jew il-morali b'egħmil li sar f'lok pubbliku, jew f'lok espost għall-pubbliku;

Illi, kif ġia espost fil-Kapi preċedenti ta' dan l-Att t'Akkuża, nhar is-sittax (16) ta' Lulju tas-sena elfejn u sittax (2016), għall-ħabta tal-ħamsa u nofs ta' filgħodu (5:30am), l-akkużati ħatfu lil Omissis 1 u pproċedew li jkollhom konġunġiment karnali magħha, u dana kontra l-volonta' tagħha;

Illi, dan l-aġir sar ġewwa vettura ġewwa Pembroke, u ċioe f'post espost għall-pubbliku;

Illi, permezz ta' sentenza datata tlieta u għoxrin (23) ta' Settembru tas-sena elfejn u erbatax (2014) fl-ismijiet: Il-Pulizija (Spettur Maria Stella Attard) vs. Emmanuel Makuochukwu Ngumezi (per Maġ. Dr Francesco Depasquale LL.D.), l-akkużat Emmanuel Makuochukwu Ngumezi kien instab ħati ta' reat/i kriminali, u għaldaqstant huwa ukoll reċidiv għall-fini u l-effetti kollha tal-Liġi.

Illi, għalhekk, b'għemilhom, l-akkużati Emmanuel Makuochukwu Ngumezi, reċidiv f'delitt, u Seydou Bandaogo saru ħatja talli nhar is-Sittax (16) ta' Lulju tas-sena elfejn u sittax (2016), għall-ħabta tal-ħamsa u nofs ta' filgħodu (5:30am), f'dawn il-Gżejjer, offendew il-pudur jew il-morali

b'eghmil (l-istupru vjolenti ta' Omissis 1) li sar f'lok pubbliku, jew f'lok espost għall-pubbliku.

Illi, di piu', per konsegwenza tar-reat surreferit, l-akkużat Emmanuel Makuochukwu Ngumezi rrenda ruħu reċidiv.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond taċ-ċirkostanzi, żmien, lok, u fatti msemmija aktar 'l fuq f'dan il-Kap tal-Att t'Akkuża, akkuża lill-imsemmija akkużati Emmanuel Makuochukwu Ngumezi, reċidiv f'delitt, u Seydou Bandaogo, ħatja talli nhar is-sittax (16) ta' Lulju tas-sena elfejn u sittax (2016), għall-ħabta tal-ħamsa u nofs ta' filgħodu (5:30am), f'dawn il-Gżejjer, offendew il-pudur jew il-morali b'egħmil (l-istupru vjolenti ta' Omissis 1) li sar f'lok pubbliku, jew f'lok espost għall-pubbliku.

L-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond taċ-ċirkostanzi, żmien, lok u fatti msemmija aktar 'l fuq f'dan il-Kap tal-Att tal-Akkuża, akkuża wkoll lil Emmanuel Makuochukwu Ngumezi li rrenda ruħu reċidiv.

Konsegwentement l-Avukat Ġenerali talab illi jingħamel skont il-Liġi kontra l-imsemmija akkużati Emmanuel Makuochukwu Ngumezi u Seydou Bandaogo u:

> a. Fil-każ tal-akkużat Emmanuel Makuochukwu Ngumezi illi jiġi kkundannat għall-piena ta' priġunerija mhux izjed minn sitt (6) xhur u multa, u dana skont dak li hemm u jintqal fl-artikoli 17, 31, 49, 50, 209, 383, 384, 385, 412Ċ, 532A u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, jew għal kull piena oħra li tista' skont il-Liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat; u
>
> b. fil-każ tal-akkużat Seydou Bandaogo illi jiġi kkundannat għall-piena ta' priġunerija għal żmien mhux izjed minn tliet (3) xhur u multa, u dana skont dak li hemm u jintqal fl-artikoli 17, 31, 209, 383, 384, 385, 412Ċ, 532A u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, jew għal kull piena oħra li tista' skont il-Liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

<u>iv. Fir-**Raba' Kap**</u>, illi, fil-kuntest taċ-ċirkostanzi, żmien, lok u fatti imsemmija fil-Kapi preċedenti ta' dan l-Att ta'Akkuża, u ċioe' nhar is-sittax (16) ta' Lulju tas-sena elfejn u sittax (2016), għall-ħabta tal-ħamsa u nofs ta' filgħodu (05:30am), waqt l-inċident deskritt aktar il-fuq, u ċioe waqt li l-akkużati Emmanuel Makuochukwu Ngumezi u Seydou

Bandaogo kienu qed jistupraw lil Omissis 1 kontra l-volonta' tagħha, hija soffriet ukoll ġrieħi ta' natura ħafifa konsegwenza ta' din l-istess aggressjoni;

Illi, meta Omissis 1 ġiet meħudha l-iSptar Mater Dei sabiex tingħata l-kura medika li kienet teħtieġ, l-espert tal-Qorti Dr Mario Scerri, fil-kors tal-ezami medikolegali li għamel fil-konfront tagħha, ikkonkluda, fost affarijiet oħra, li hi kellha abbrazjonijiet fuq in-naħa tal-lemin tad-dahar li kienu kompattibli ma' grif kif ukoll abrazjonijiet assoċjati ma' dbenġila ta' kulur vjola fuq in-naħa tax-xellug tad-dahar li kienu kompattibli ma' blunt trauma. In oltre, irrizulta ukoll li kellha abbrazjoni *at 3 o'clock* fuq il-*labia minora* li tista' tindika illi seta' kien hemm xi forma ta' penetrazzjoni sfurzata;

Illi, dawn il-ġrieħi subiti minnha kienu kklasifikati bħala ġrieħi ħfief;

Illi, permezz ta' sentenza datata tlieta u għoxrin (23) ta' Settembru tas-sena elfejn u erbatax (2014) fl-ismijiet: Il-Pulizija (Spettur Maria Stella Attard) vs Emmanuel Makuochukwu Ngumezi (per Maġ. Dr Francesco Depasquale LL.D.), l-akkużat Emmanuel Makuochukwu Ngumezi kien instab ħati ta' reat/i kriminali, u għaldaqstant huwa ukoll reċidiv għall-fini u l-effetti kollha tal-Liġi.

Illi, għalhekk, b'għemilhom, l-akkużati Emmanuel Makuochukwu Ngumezi, reċidiv f'delitt, u Seydou Bandaogo saru ħatja talli nhar is-sittax (16) ta' Lulju tas-sena elfejn u sittax (2016), għall-ħabta tal-ħamsa u nofs ta' filgħodu (5:30am), f'dawn il-Gżejjer, ikkaġunaw offizi ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' Omissis 1.

Illi, di piu', per konsegwenza tar-reat surreferit, l-akkużat Emmanuel Makuochukwu Ngumezi rrenda ruħu reċidiv.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond taċ-ċirkostanzi, żmien, lok, u fatti msemmija aktar 'l fuq f'dan il-Kap tal-Att t'Akkuża, akkuża lill-imsemmija Emmanuel Makuochukwu Ngumezi, reċidiv f'delitt, u Seydou Bandaogo, ħatja talli nhar is-sittax (16) ta' Lulju tas-sena elfejn u sittax (2016), għall-ħabta tal-ħamsa u nofs ta' filgħodu (5:30am), f'dawn il-Gżejjer, ikkaġunaw offizi ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' Omissis 1.

L-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond taċ-ċirkostanzi, żmien, lok u fatti msemmija aktar 'l fuq f'dan il-Kap tal-Att

tal-Akkuża, akkuża ukoll lill-Emmanuel Makuochukwu Ngumezi li rrenda ruħu reċidiv.

Konsegwentement l-Avukat Ġenerali talab illi jingħamel skont il-Liġi kontra l-imsemmija akkużati Emmanuel Makuochukwu Ngumezi u Seydou Bandaogo u:

a. Fil-każ tal-akkużat Emmanuel Makuochukwu Ngumezi illi jiġi kkundannat għall-piena ta' priġunerija mhux izjed minn sitt (6) xhur jew multa, u dana skont dak li hemm u jintqal fl-artikoli 17, 31, 49, 50, 214, 215, 221(1), 383, 384, 385, 412Ċ, 532A u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, jew għal kull piena oħra li tista' skont il-Liġi tingħata għall-ħtija ta' limsemmi akkużat; u

b. fil-każ tal-akkużat Seydou Bandaogo illi jiġi kkundannat għall-piena ta' priġunerija għal żmien mhux izjed minn tliet (3) xhur jew multa, u dana skont dak li hemm u jintqal fl-artikoli 17, 31, 214, 215, 221(1), 383, 384, 385, 412Ċ, 532A u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, jew għal kull piena oħra li tista' skont il-Liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

**v. Fil-Hames Kap**, illi, fil-kuntest taċ-ċirkostanzi, lok u fatti żmien imsemmija fil-Kapi preċedenti ta' dan l-Att ta'Akkuża, u ċioe' nhar is-sittax (16) ta' Lulju tassena elfejn u sittax (2016), għall-ħabta tal-ħamsa u nofs ta' filgħodu (5:30am), f'dawn il-Gżejjer, l-akkużati Seydou Bandaogo u Emmanuel Makuochukwu Ngumezi serqu lil Omissis 1 bil-vjolenza, bil-ħsieb li jabbuzaw minnha;

Illi, kif ġia espost fil-Kapi preċedenti ta' dan l-Att t'Akkuża, nhar is-sittax (16) ta' Lulju tas-sena elfejn u sittax (2016), bejn il-ħamsa neqsin kwart ta' filgħodu (4:45am) u l-ħamsa u nofs ta' filgħodu (5:30am), il-Pulizija stazzjonati ġewwa l-Għassa ta' San Ġiljan irċevew telefonata fejn ġie rrapurtat li viċin l-istabbiliment Fuego, ġewwa l-istess San Ġiljan, kien hemm tfajla li nħatfet minn zewġt irġiel ta' karnaġġjon skura, liema rġiel daħħlu bil-forza lil din l-istess tfajla ġewwa l-vettura tagħhom tal-għamla Fiat Palio u saqu biha minn fuq il-post;

Illi, wara li nstabet il-vettura in kwistjoni, Omissis 1 ġiet mitkellma mill-Pulizija fejn hija rrakuntat minn xiex kienet għaddiet matul il-lejl ta' bejn il- ħmistax (15) ta' Lulju tas-sena elfejn u sittax (2016) u s-sittax (16) ta' Lulju tas-sena elfejn u sittax (2016), li matulu kienet filfatt ġiet stuprata mill-akkużati Seydou Bandaogo u Emmanuel Makuochukwu Ngumezi, kif ġia` deskritt fil-Kapi preċedenti ta' dan l-Att t'Akkuża. In suċċint, hija

stqarret li kienet filfatt inħatfet mill-akkużati li ħaduha f'post imwarrab u li pproċedew sabiex ikollhom konġunġiment karnali magħha, u dana kontra l-volonta' tagħha;

Illi, dan ir-reat, u ċioe li l-akkużati serqu persuna (Omissis 1) bil-vjolenza, bil-ħsieb li jabbuzaw minnha, huwa wieħed aggravat ai termini tal-liġi stante li ġie kommess minn tnejn minn nies li għenu lil xulxin fl-ezekuzzjoni tad-delitt;

Illi, permezz ta' sentenza datata tlieta u għoxrin (23) ta' Settembru tas-sena elfejn u erbatax (2014) fl-ismijiet: Il-Pulizija (Spettur Maria Stella Attard) vs Emmanuel Makuochukwu Ngumezi (per Maġ. Dr Francesco Depasquale LL.D.), l-akkużat Emmanuel Makuochukwu Ngumezi kien instab ħati ta' reat/i kriminali, u għaldaqstant huwa ukoll reċidiv għall-fini u l-effetti kollha tal-Liġi.

Illi, għalhekk, b'għemilhom, l-akkużati Emmanuel Makuochukwu Ngumezi, reċidiv f'delitt, u Seydou Bandaogo saru ħatja talli nhar is-sittax (16) ta' Lulju tas-sena elfejn u sittax (2016), għall-ħabta tal-ħamsa u nofs ta' filgħodu (5:30am), f'dawn il-Gżejjer, serqu persuna (Omissis 1) bil-vjolenza, bil-ħsieb li jabbuzaw minnha, b'dana illi dan ir-reat huwa wieħed aggravat stante li ġie kommess minn tnejn minn nies li għenu lil xulxin fl-ezekuzzjoni tad-delitt.

Illi, di piu', per konsegwenza tar-reat surreferit, l-akkużat Emmanuel Makuochukwu Ngumezi rrenda ruħu reċidiv.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond taċ-ċirkostanzi, żmien, lok, u fatti msemmija aktar 'l fuq f'dan il-Kap tal-Att t'Akkuża, akkuża lill-imsemmija akkużati Emmanuel Makuochukwu Ngumezi, reċidiv f'delitt, u Seydou Bandaogo, ħatja talli nhar is-sittax (16) ta' Lulju tas-sena elfejn u sittax (2016), għall-ħabta tal-ħamsa u nofs ta' filgħodu (5:30am), f'dawn il-Gżejjer, serqu persuna (Omissis 1) bil-vjolenza, bil-ħsieb li jabbuzaw minnha, b'dana illi dan ir-reat huwa wieħed aggravat stante li ġie kommess minn tnejn minn nies li għenu lil xulxin fl-ezekuzzjoni tad-delitt.

L-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond taċ-ċirkostanzi, żmien, lok u fatti msemmija aktar 'l fuq f'dan il-Kap tal-Att tal-Akkuża, akkuża ukoll lil Emmanuel Makuochukwu Ngumezi li rrenda ruħu reċidiv.

Konsegwentement l-Avukat Ġenerali talab illi jingħamel skont il-Liġi kontra l-imsemmija akkużati Emmanuel Makuochukwu Ngumezi u Seydou Bandaogo u:

a. Fil-każ tal-akkużat Emmanuel Makuochukwu Ngumezi illi jiġi kkundannat għall-piena ta' priġunerija minn sentejn sa' sitt (6) snin, bir-reklużjoni jew 11 mingħajrha, u dana skont dak li hemm u jintqal fl-artikoli 17, 31, 49, 50, 199(1), 202(g), 383, 384, 385, 412Ċ, 532A u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, jew għal kull piena oħra li tista' skont il-Liġi tingħata għall-ħtija tal-imsemmi akkużat; u

b. fil-każ tal-akkużat Seydou Bandaogo illi jiġi kkundannat għall-piena ta' priġunerija minn sentejn sa' ħames (5) snin, bir-reklużjoni jew mingħajrha, u dana skont dak li hemm u jintqal fl-artikoli 17, 31, 199(1), 202(g), 383, 384, 385, 412Ċ, 532A u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, jew għal kull piena oħra li tista' skont il-Liġi tingħata għall-ħtija tal-imsemmi akkużat.

vi. Fis-**Sitt Kap**, illi fil-kuntest taċ-ċirkostanzi, żmien, lok u fatti imsemmija fil-Kapi preċedenti ta' dan l-Att t'Akkuża, u ċioe' nhar is-sittax (16) ta' Lulju tas-sena elfejn u sittax (2016), għall-ħabta tal-ħamsa u nofs ta' filgħodu (5:30am), f'dawn il-Gżejjer, l-akkużati Emmanuel Makuochukwu Ngumezi u Seydou Bandaogo arrestaw, żammew jew issekwetraw lil Omissis 1 kontra l-volonta' tagħha;

Illi, kif ġia espost fil-Kapi preċedenti ta' dan l-Att t'Akkuża, l-akkużati ħatfu lil Omissis 1 kontra l-volonta tagħha, ħaduha f'post imwarrab u pproċedew sabiex ikollhom konġunġiment karnali magħha u dana kontra l-volonta' tagħha. Matul dan l-aġir kollu fil-konfront tagħha, hija ma setgħetx taħrab jew titlaq minn fuq il-post u kienet mizmuma bil-forza kontra r-rieda tagħha;

Illi, l-akkużati Emmanuel Makuochukwu Ngumezi u Seydou Bandaogo ma kellhom ebda ordni skont il-liġi tal-awtorita' kompetenti u lanqas kellhom s-setgħa bil-liġi li jarrestaw, jżommu, jew jissekwestraw lil Omissis 1 kontra l-volonta' tagħha;

Illi, permezz ta' sentenza datata tlieta u għoxrin (23) ta' Settembru tas-sena elfejn u erbatax (2014) fl-ismijiet: Il-Pulizija (Spettur Maria Stella Attard) vs Emmanuel Makuochukwu Ngumezi (per Maġ. Dr Francesco Depasquale LL.D.), l-akkużat Emmanuel Makuochukwu Ngumezi kien

instab ħati ta' reat/i kriminali, u għaldaqstant huwa ukoll reċidiv għall-fini u l-effetti kollha tal-Liġi.

Illi, għalhekk, b'għemilhom, l-akkużati Emmanuel Makuochukwu Ngumezi, reċidiv f'delitt, u Seydou Bandaogo saru ħatja talli nhar is-sittax (16) ta' Lulju tas-sena elfejn u sittax (2016), għall-ħabta tal-ħamsa u nofs ta' filgħodu (5:30am), f'dawn il-Gżejjer, bla ordni skont il-liġi tal-awtorita' kompetenti, u barra mill-każijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lill-ħati, arrestaw, żammew, jew issekwestraw persuna (Omissis 1) kontra l-volonta' tagħha, b'dana illi dan id-delitt sar bħala mezz biex persuna (Omissis 1) tiġi mġiegħla tagħmel xi ħaġa jew toqgħod għal xi ħaġa li toffendi l-mistħija tas-sess tagħha.

Illi, di piu', per konsegwenza tar-reat surreferit, l-akkużat Emmanuel Makuochukwu Ngumezi rrenda ruħu reċidiv.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond taċ-ċirkostanzi, żmien, lok, u fatti msemmija aktar 'l fuq f'dan il-Kap tal-Att t'Akkuża, akkuża lill-imsemmija Emmanuel Makuochukwu Ngumezi, reċidiv f'delitt, u Seydou Bandaogo ħatja talli nhar is-sittax (16) ta' Lulju tas-sena elfejn u sittax (2016), għall-ħabta tal-ħamsa u nofs ta' filgħodu (5:30am), f'dawn il-Gżejjer, bla ordni skont il-liġi tal-awtorita' kompetenti, u barra mill-każijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lill-ħati, arrestaw, żammew jew issekwestraw persuna (Omissis 1) kontra l-volonta' tagħha, b'dana illi dan id-delitt sar bħala mezz biex persuna (Omissis 1) tiġi mġiegħla tagħmel xi ħaġa jew toqgħod għal xi ħaġa li toffendi l-mistħija tas-sess tagħha.

L-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond taċ-ċirkostanzi, żmien, lok u fatti msemmija aktar 'l fuq f'dan il-Kap tal-Att tal-Akkuża, akkuża wkoll lil Emmanuel Makuochukwu Ngumezi li rrenda ruħu reċidiv.

Konsegwentement l-Avukat Ġenerali talab illi jingħamel skont il-Liġi kontra l-imsemmija akkużati Emmanuel Makuochukwu Ngumezi u Seydou Bandaogo u:

> a. Fil-każ tal-akkużat Emmanuel Makuochukwu Ngumezi illi jkunu kkundannat għall-piena ta' priġunerija minn tmintax (18) -il xahar sa' sitt (6) snin, u dana skont dak li hemm u jintqal fl-artikoli 17, 31, 49, 50, 86, 87(1)(ġ), 383, 384, 385, 412Ċ, 532A u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, jew għal kull piena oħra li tista' skont il-Liġi tingħata għall-ħtija tal-imsemmi akkużat; u

b. fil-każ tal-akkużat Seydou Bandaogo illi jiġi kkundannat għall-piena ta' priġunerija minn tmintax (18) -il xahar sa' ħames (5) snin, u dana skont dak li hemm u jintqal fl-artikoli 17, 31, 86, 87(1)(ġ), 383, 384, 385, 412Ċ, 532A u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, jew għal kull piena oħra li tista' skont il-Liġi tingħata għall-ħtija tal-imsemmi akkużat.

**2**. Rat is-sentenza mogħtija mill-Qorti Kriminali fit-12 ta' Settembru 2019 li bis-saħħa tagħha wara li dik il-Qorti rat il-verdett tal-ġurati tal-11 ta' Settembru 2019 li bih:

**B'sitt (6) voti favur u bi tlett (3) voti kontra sabu lil Emanuel Makuochukwo Ngumezi mhux ħati tal-Ewwel Kap tal-Att t'Akkuża u bi tmien (8) voti favur u b'vot wiehed (1) kontra sabu lil Seydou Bandagao ħati tal-Ewwel Kap tal-Att t'Akkuża bl-aggravant li l-istupru kien kommess minn tnejn min nies li għenu lil xulxin fl-eżekuzzjoni tad-delitt;**

**B'seba (7) voti favur u bi tnejn (2) voti kontra sabu lil Emanuel Makuochukwo Ngumezi ħati tat-Tieni Kap tal-Att t'Akkuża bl-aggravant li l-attentat vjolenti ghall-pudur kien kommess minn tnejn minn nies li għenu lil xulxin fl-esekuzzjoni tad-delitt u bi tmien (8) voti favur u b'vot wiehed (1) kontra sabu lil Seydou Bandagao ħati tat-Tieni Kap tal-Att t'Akkuża bl-aggravant li l-attentat vjolenti għall-pudur kien kommess minn tnejn minn nies li għenu lil xulxin fl-eżekuzzjoni tad-delitt;**

**B'seba (7) voti favur u bi tnejn (2) voti kontra sabu lil Emanuel Makuochukwo Ngumezi ħati tat-Tielet Kap tal-Att t'Akkuża u bi tmien (8) voti favur u b'vot wiehed (1) kontra sabu lil Seydou Bandagao ħati tat-Tielet Kap tal-Att t'Akkuża;**

**B'mod unanimu sabu lil Emanuel Makuochukwo Ngumezi mhux ħati tar-Raba' Kap tal-Att t'Akkuża u b'seba (7) voti favur u bi tnejn (2) voti kontra sabu lil Seydou Bandagao mhux ħati tar-Raba Kap tal-Att t'Akkuża;**

**B'sitt (6) voti favur u bi tlett (3) voti kontra sabu lil Emanuel Makuochukwo Ngumezi mhux ħati tal-Ħames Kap tal-Att t'Akkuża u**

**b'sitt (6) voti favur u bi tlett (3) voti kontra sabu lil Seydou Bandagao mhux ħati tal-Ħames Kap tal-Att t'Akkuża;**

**Bi tmien (8) voti favur u b'vot wiehed (1) kontra sabu lil Emanuel Makuochukwo Ngumezi ħati tas-Sitt Kap tal-Att t'Akkuża u bi tmien (8) voti favur u b'vot wiehed (1) kontra sabu lil Seydou Bandagao ħati tas-Sitt Kap tal-Att t'Akkuża;**

**Rat illi wara l-qari tal-verdett, Emanuel Makuochukwu Ngumezi ma kkontestax l-addebitu tar-reċidiva kif jirriżulta mill-verbal tal-udjenza tal-11 ta' Settembru, 2019 kif reġistrat wara li l-Qorti ordnat li jkun reġistrat il-verdett.**

Iddikjarat lil Emanuel Makuochukwu Ngumezi:

Mhux ħati talli:

1. Nhar is-sittax (16) ta' Lulju tas-sena elfejn u sittax (2016), għall-ħabta tal-ħamsa u nofs ta' filgħodu (5:30am), f'dawn il-Gżejjer, bil-vjolenza, ikkommetta stupru vjolenti aggravat peress illi kommess minn tnejn minn nies li għenu lil xulxin fl-eżekuzzjoni tad-delitt fuq il-persuna tas-sess femminili (Omissis 1);
2. Nhar is-sittax (16) ta' Lulju tas-sena elfejn u sittax (2016), għall-ħabta tal-ħamsa u nofs ta' filgħodu (5:30am), f'dawn il-Gżejjer, ikkaġuna offiżi ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' Omissis 1;
3. Nhar is-sittax (16) ta' Lulju tas-sena elfejn u sittax (2016), għall-ħabta tal-ħamsa u nofs ta' filgħodu (5:30am), f'dawn il-Gżejjer, seraq persuna (Omissis 1) bil-vjolenza, bil-ħsieb li jabbużaw minnha, b'dana illi dan ir-reat huwa wieħed aggravat stante li kien kommess minn tnejn minn nies li għenu lil xulxin fl-eżekuzzjoni tad-delitt.

Iddikjaratu ħati talli:

1. Nhar is-sittax (16) ta' Lulju tas-sena elfejn u sittax (2016), għall-ħabta tal-ħamsa u nofs ta' filgħodu (5:30am), f'dawn il-Gżejjer, ikkommetta attentat vjolenti għall-pudur fuq il-persuna ta' Omissis 1, b'dana illi dan ir-reat huwa wieħed aggravat stante li kien kommess minn tnejn minn nies li għenu lil xulxin fl-eżekuzzjoni tad-delitt;
2. Nhar is-sittax (16) ta' Lulju tas-sena elfejn u sittax (2016), għall-ħabta tal-ħamsa u nofs ta' filgħodu (5:30am), f'dawn il-Gżejjer, offenda l-pudur jew il-morali b'egħmil li sar f'lok pubbliku, jew f'lok espost għall-pubbliku;
3. Nhar is-sittax (16) ta' Lulju tas-sena elfejn u sittax (2016), għall-ħabta tal-ħamsa u nofs ta' filgħodu (5:30am), f'dawn il-Gżejjer, bla ordni skont il-liġi tal-awtorita' kompetenti, u barra mill-każijiet li fihom il-liġi tagħti s-

setgħa lill-privat li jarresta lill-ħati, arresta, żamm jew issekwestra persuna (Omissis 1) kontra l-volonta' tagħha, b'dana illi dan id-delitt sar bħala mezz biex persuna (Omissis 1) tiġi mġiegħla tagħmel xi ħaġa jew toqgħod għal xi ħaġa li toffendi l-mistħija tas-sess tagħha;
Konsegwentment, ghalhekk tiddikjara lil Emmanuel Makuochukwu Ngumezi reċidiv.

**Iddikjarat lil Seydou Bandaogo:**

**Mhux ħati talli:**

**1. Nhar is-sittax (16) ta' Lulju tas-sena elfejn u sittax (2016), għall-ħabta tal-ħamsa u nofs ta' filgħodu (5:30am), f'dawn il-Gżejjer, ikkaġuna offizi ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' Omissis 1;**
**2. Nhar is-sittax (16) ta' Lulju tas-sena elfejn u sittax (2016), għall-ħabta tal-ħamsa u nofs ta' filgħodu (5:30am), f'dawn il-Gżejjer, seraq persuna (Omissis 1) bil-vjolenza, bil-ħsieb li jabbużaw minnha, b'dana illi dan ir-reat huwa wieħed aggravat stante li kien kommess minn tnejn minn nies li għenu lil xulxin fl-eżekuzzjoni tad-delitt;**

**Iddikjaratu ħati talli**:

**1. Nhar is-sittax (16) ta' Lulju tas-sena elfejn u sittax (2016), għall-ħabta tal-ħamsa u nofs ta' filgħodu (5:30am), f'dawn il-Gżejjer, bil-vjolenza, ikkommetta stupru vjolenti aggravat peress illi kommess minn tnejn minn nies li għenu lil xulxin fl-eżekuzzjoni tad-delitt fuq il-persuna tas-sess femminili (Omissis 1);**
**2. Nhar is-sittax (16) ta' Lulju tas-sena elfejn u sittax (2016), għall-ħabta tal-ħamsa u nofs ta' filgħodu (5:30am), f'dawn il-Gżejjer, ikkommettew attentat vjolenti għall-pudur fuq il-persuna ta' Omissis 1, b'dana illi dan ir-reat huwa wieħed aggravat stante li kommess minn tnejn minn nies li għenu lil xulxin fl-eżekuzzjoni tad-delitt.**
**3. Nhar is-sittax (16) ta' Lulju tas-sena elfejn u sittax (2016), għall-ħabta tal-ħamsa u nofs ta' filgħodu (5:30am), f'dawn il-Gżejjer, offenda l-pudur jew il-morali b'eghmil (l-istupru vjolenti ta' Omissis 1) li sar f'lok pubbliku, jew f'lok espost għall-pubbliku.**
**4. Nhar is-sittax (16) ta' Lulju tas-sena elfejn u sittax (2016), għall-ħabta tal-ħamsa u nofs ta' filgħodu (5:30am), f'dawn il-Gżejjer, bla ordni skont il-liġi tal-awtorita' kompetenti, u barra mill-każijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lill-ħati, arresta, żamm jew issekwestra persuna (Omissis 1) kontra l-volonta' tagħha, b'dana illi dan id-delitt sar bħala mezz biex persuna (Omissis 1) tkun mġiegħla tagħmel xi ħaġa jew toqgħod għal xi ħaġa li toffendi l-mistħija tas-sess tagħha.**

a. fil-konfront Emanuel Makuochukwu Ngumezi rat l-artikoli 17(b), 86, 87(1)(ġ), 49 u 50, 202(d), 207, 209, tal-Kodiċi Kriminali, Kap. 9 u;
b. **fil-konfront ta' Seydou Bandaogo rat l-artikoli 17(b), 86, 87 (1)(g) 198, 202(d), 207 u 209, tal-Kodiċi Kriminali, Kap. 9**;

ikkundannat lil Emanuel Makuochukwu Ngumezi għal terminu komplessiv ta' ħames (5) snin u xahar (1) priġunerija u lil **Seydou Bandaogo għal terminu komplessiv ta' għoxrin (20) sena priġunerija**. Ordnat ukoll lill-ħatja li fit-termini tal-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali jħallsu l-ispejjeż inkorsi tal-perizji fl-ammont ta' tminn t'elef, mitejn u erba' Euro u żewġ ċenteżmi (€8,204.02), b'kull wieħed mill-ħatja kkundannat li jħallas l-ammont ta' erbat elef, mija u żewġ Euro u ċentezmu (€4,102.01) u dan fi żmien sittin jum mill-lum konvertibbli minnufih fi priġunerija f'każ li jonqsu milli jħallsu dan l-ammont;

Ordnat inoltre li flimkien mal-piena sabiex tipprovdi għas-sigurta' ta' Omissis 1 u Omissis 2, l-obbligazzjoni msemmija fl-artikoli 383 u 384 għal żmien sena fuq penali ta' elfejn euro (€2000.00) fin-nuqqas u ħruġ t'Ordni ta' Protezzjoni fil-konfront tal-vittma Omissis 1 u tax-xhud Omissis 2 fit-termini tal-artikoli 412Ċ tal-Kodiċi Kriminali għal perjodu ta' ħames snin soġġett għal estensjoni fit-termini tal-artikolu 412Ċ (9) tal-Kodiċi Kriminali.

Ordnat finalment divjet tal-publikazzjoni bi kwalunkwe mezz tal-vittma Omissis 1 u tax-xhud Omissis 2.

**3.** Rat ir-rikors tal-appell tal-akkużat Seydou Bandaogo ippreżentat fit-2 t' Ottubru 2019 fejn talab lil din il-Qorti, fl-ewwel lok, illi l-verdett mogħti mill-ġurati jiġi dikjarat bħala wieħed mhux reġistrabbli u għaldaqstant din il-Qorti għandha tiddikjara li l-verdett ma kienx reġistrabbli u konsegwentement

tiddikjara lill-appellant mhux ħati tal-kapi kollha tal-akkuża jew li l-ġuri jiġi dikjarat xjolt bil-konsegwenza ta' dikjarazzjoni ta' *mistrial*. Fit-tieni lok u bla preġudizzju ghas-suespost, din il-Qorti għandha tiddikjara lill-appellant mhux ħati fuq il-kapi kollha tal-akkuża, u fit-tielet lok u bla preġudizzju għas-suespost din il-Qorti hija mitluba tagħti piena aktar xierqa għaċ-ċirkostanzi.

**4**. Rat ir-risposta tal-Avukat Ġenerali ppreżentata fis-17 ta' Diċembru 2019 fejn iddikjara illi din il-Qorti għandha tirrespinġi l-aggravji kollha tal-appellant u tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza mogħtija mill-Qorti Kriminali nhar it-12 ta' Settembru 2019.

**5**. Rat is-sentenza preliminari mogħtija minn din il-Qorti nhar is-26 ta' Frar 2020 fejn ġie miċħud l-ewwel aggravju u l-ewwel talba mressqa mill-appellant Seydou Bandaogo u ordnat il-prosegwiment tas-smigħ tal-appell fuq l-aggravji rimanenti.

**6**. Rat l-atti kollha tal-kawza, inklużi l-atti kumpilatorji.

**7**. Semghet trattazzjoni.

**Ikkunsidrat**

**8.** Illi sorvolat l-ewwel aggravju mqanqal mill-appellant dwar in-nullita' tal-verdett mogħti fil-konfront tiegħu in konnessjoni mar-reat lilu addebitat fl-Ewwel Kap tal-Att tal-Akkuża jifdal biex jiġu determinati l-aggravji rimanenti, bl-ewwel wieħed marbut mal-mertu u l-ieħor mal-piena erogata mill-Ewwel Qorti.

**9.** Illi jiġi ribadit, kif dejjem affermat fid-dottrina u l-ġurisprudenza in materja illi din il-Qorti ta' reviżjoni ma tiddisturbax leġġerment l-interpretazzjoni tal-provi li tkun saret minn min ikun iġġudika l-fatti:

> **Hawn naturalment qegħdin fil-kamp ta' l-apprezzament tal-provi. Issa, din il-Qorti hi Qorti ta' reviżjoni u, in eżekuzzjoni ta' din il-funzjoni tagħha, hi eżaminat dettaljatament l-atti proċesswali, id-dokumenti esibiti u l-indirizz ta' l-Imħallef li ppresjeda l-ġuri, u dan biex tara jekk a bażi tal-provi li kien hemm f'dawn il-proċeduri, il-ġurati, ben indirizzati mill-Imħallef, setgħux leġittimament u raġonevolment jaslu għall-konklużjoni li fil-fatt waslu għaliha dwar il-ħtija ta' l-appellant ta' l-akkuża miġjuba kontra tiegħu fl-Att t'Akkuża skond il-verdett minnhom mogħti. Anke jekk mill-apprezzament tal-provi li tagħmel din il-Qorti hi tasal għal xi konklużjoni diversa minn dik milħuqa mill-ġurati, hi ma tiddisturbax dik id-diskrezzjoni eżerċitata mill-ġurati fl-apprezzament tal-provi u tirrimpjazzaha b'tagħha kemm-il darba jkun evidenti għaliha li l-ġurati ma kinux għamlu apprezzament manifestament ħażin tal-provi, u setgħu, għalhekk, leġittimament u raġonevolment jaslu għall-konklużjoni li jkunu waslu għaliha in bażi tal-provi li kellhom quddiemhom. Effettivament, kif dejjem ingħad, din il-Qorti ma tinvadix it-territorju li l-liġi tirriżerva għall-ġurati ħlief meta l-verdett minnhom milħuq ikun manifestament żbaljat fis-sens li ebda ġurija ma setgħet leġittimament u raġonevolment tasal għalih. Jiġifieri jrid ikun in kontradizzjoni manifesta għal dak kollu li jirrizulta mill-proċess b'mod illi ma hemmx mod ieħor ħlief li l-verdett milħuq jiġi eskluż bħala infondat.**[1]

**10**. Illi dan qed jingħad ukoll fid-dawl tad-dettami tal-artikolu 467 tal-Kodiċi Kriminali fejn f'dan il-każ il-Qorti Kriminali kellha l-vantaġġ fuq din il-Qorti li mhux tisma' biss il-provi iżda li tevalwa l-imġieba u l-komportament tax-xhieda li ddeponew quddiemha, u liema analiżi kienet essenzjali sabiex il-ġurati jiżnu l-kredibbilita' tax-xhieda u b'hekk jaslu għall-konklużjonijiet tagħhom.

---

[1] Repubblika ta' Malta vs. John Camilleri deċiża mill-Qorti tal-Appell Superjuri fl-24 ta' April 2008. Ara, ukoll fost ohrajn, Appelli Kriminali Superjuri: Ir-Repubblika ta' Malta vs. Etienne Carter, 14 ta' Dicembru 2004; Ir-Repubblika ta' Malta vs. Domenic Briffa, 16 ta' Ottubru 2003; Ir-Repubblika ta' Malta vs. Godfrey Lopez; u Ir-Repubblika ta' Malta vs. Eleno sive Lino Bezzina 24 ta' April 2003; Ir-Repubblika ta' Malta vs. Lawrence Asciak sive Axiak 23 ta' Jannar 2003; Ir-Repubblika ta' Malta vs. Mustafa Ali Larbed, 5 ta' Lulju 2002; Ir-Repubblika ta' Malta vs. Thomas sive Tommy Baldacchino, 7 ta' Marzu 2000; Ir-Repubblika ta' Malta vs. Ivan Gatt, 1 ta' Dicembru 1994; u Ir-Repubblika ta' Malta vs. George Azzopardi, 14 ta' Frar 1989.

Madankollu, tenut kont tan-natura tal-appell u l-mod kif l-aggravji ġew ippostulati mill-appellant, din il-Qorti ser tgħaddi biex teżamina mill-ġdid l-atti kollha tal-każ u d-dokumenti hemmhekk eżebiti, inkluż l-indirizz tal-Imħallef li ppresjeda l-ġuri u dan bil-għan illi jiġi indirizzat l-aggravju imressaq mill-appellant marbut mal-mertu tal-każ.

**11.** Illi l-appellant fir-rikors tiegħu tal-appell jikkritika l-apprezzament magħmul mill-ġurija popolari u dan b'mod ewlieni minħabba n-nuqqas ta' affidament tal-verżjoni tal-vittma, li fil-fehma tiegħu la kienet konsistenti u wisq anqas kredibbli kuntrarjament għal dak dikjarat minnu meta iddepona, kif ukoll in-nuqqas minn naħa tal-Prosekuzzjoni li tressaq provi dwar il-karattru tal-vittma liema provi kienu juru n-nuqqas t'affidabbilita' tagħha, kif wriet id-Difiża mill-provi minnha imressqa. Dan wassal għall-interpretazzjoni żbaljata tal-provi prodotti billi l-verżjoni tal-fatti tal-vittma ma kienetx kkorroborata mill-evidenza indizzjarja ppreżentata fil-kors taċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri, liema provi kienu jindikaw li seħħ il-kontra ta' dak minnha allegat. Fil-fatt l-appellant jikkritika l-verdett tal-ġurija li jisħaq li kien wieħed kontradittorju u dan għaliex għalkemm mixli li kkommetta stupru vjolenti bl-aggravanti illi dan ġie kommess minn aktar minn persuna waħda, imbagħad il-ġurati għoġobhom jilliberaw lill-ko-akkużat Ngumezi minn din l-akkuża. Dan fil-fehma tiegħu huwa indikattiv tal-apprezzament żbaljat magħmul mill-imħallfin tal-fatt tal-provi li tressqu quddiemhom.

**12.** Illi allura din il-Qorti qed tiġi msejħa sabiex mill-ġdid tiżen il-kredibbilita' tal-verżjonijiet mogħtija mill-atturi prinċipali f'din il-viċenda kriminali t'allegat abbuż ta' natura sesswali fl-agħar forma tiegħu u ċioe' fejn ġie kommess stupru vjolenti aggravat, skont l-Att tal-Akkuża, billi kommess minn tnejn minn nies. Dan ma jfissirx illi jekk ikun hemm xi kontradizzjonijiet jew konfliġġenza f'xi partijiet mix-xiehda din għandha tiġi skarata kompletament billi għandu jsir

eżami tal-provi fit-totalita' tagħhom qabel isir il-ġudizzju finali dwar x'piż għandu jingħata lil dak dikjarat mix-xiehda diretta u kif dan isib il-korroborazzjoni fil-provi indiretti jew indizzjarji, sabiex b'hekk xhud jista' jitwemmen f'dak kollu li jgħid, jew f'parti biss minn dak li jiddeponi, jew inkella ma jiġi emnut xejn.

> **Fi kliem iehor, l-ezercizzju ta' din il-Qorti fil-kaz prezenti u f'kull kaz iehor fejn l-appell ikun bazat fuq apprezzament tal-provi, huwa li tezamina l-provi dedotti f'dan il-kaz, tara jekk, anki jekk kien hemm versjonijiet kontradittorji - kif normalment ikun hemm - xi wahda minnhom setghetx liberament u serenament tigi emmnuta minghajr ma jigi vjolat il-principju li d-dubju ghandu jmur favur l-akkuzat, u jekk tali versjoni setghet tigi emmnuta w evidentement giet emmnuta, il-funzjoni, anzi d-dover ta' din il-Qorti huwa li tirrispetta dik id-diskrezzjoni u dak l-apprezzament.**[2]

**13**. Illi l-Qorti eżaminat mill-ġdid l-atti proċesswali, inklużi dawk kumpilatorji minn fejn jemerġu is-segwenti fatti probatorji.

**14.** Nhar is-16 ta' Lulju 2016, il-Pulizija arrestaw żewġ irġiel ta' karnaġġjon skur, fosthom l-appellant, minn ġewwa Pembroke u dan fuq suspett illi huma kienu ssekwestraw tfajla ta' nazzjonalita' Taljana, ċertu Omissis 1, daħħluha fil-vettura tagħhom u kellhom x'jaqsmu magħha sesswalment kontra r-rieda tagħha. L-arrest tal-appellant u ta' sieħbu Emanuel Makuochukwu Ngumezi seħħ wara denunzja li daħlet għal-ħabta tal-ħamsa u nofs ta' fil-għodu (5:30am) ġewwa l-Għassa ta' San Ġiljan fejn ġie rrappurtat illi tfajla kienet inħatfet u ddaħħlet ġewwa vettura qrib il-*Villa Rosa*, u liema vettura saqet b'veloċita minn fuq il-post. Konsegwentement meta l-Pulizija bdew jinvestigaw dan ir-rapport rriżultalhom illi din il-vettura, x'aktarx tal-għamla *Fiat* u ta' lewn griż skur, ġiet misjuqa fid-direzzjoni ta' Pembroke. Minn hawn bdiet it-tfittxija għal din il-

---

[2] Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet Ir-Repubblika ta' Malta vs. Ivan Gatt fl-1 ta' Dicembru 1994.

vettura u ftit tal-ħin wara l-Pulizija nnutaw vettura suspettuża fuq il-blat fl-akwati ta' Pembroke. Viċin din il-vettura ġie nnutat raġel barra u kif avviċinawh, dan ir-raġel, li wara rriżulta li kien l-appellant, telaq minn fuq il-post b'pass mgħaġġel. Dan ġie nnutat ukoll jħares lura filwaqt li mexa fid-direzzjoni l-opposta minn fejn ġie eventwalment arrestat. Ta' rilevanza kienu l-ħwejjeġ li kien libes l-appellant, b'mod ewlieni flok ta' kulur oranġjo li aktar tard jintlemaħ fuq il-filmati ta' xi kameras tas-sigurta' elevati mill-investigaturi fil-kors tal-istħarriġ minnhom kondott. Mill-banda l-oħra l-ko-akkużat l-ieħor Emanuel Makuochukwu Ngumezi ġie interċettat filwaqt li kien nofsu għarwien mimdud fuq it-tfajla, li kellha saqajha barra mill-vettura u li kienet mimduda fuq is-siġġu tal-passiġġier b'rasha fuq is-sedil tax-xufier. Irriżulta li din it-tfajla kienet ċertu Omissis 1 ta' nazzjonalità Taljana li ittieħdet l-isptar għal kura u wara li ġiet eżaminata, ġew elevati kampjuni minn fuq il-persuna tagħha u minn fuq ħwejjiġha, sabiex isir l-istħarriġ forensiku.

**15.** Illi jiżdied ma' dawn ir-riżultanzi proċesswali illi kien sar rapport ieħor lil Pulizija minn ċertu Melchior Camilleri, li xehed f'dawn il-proċeduri, li nzerta f'dik l-għodwa fl-akwati ta' Pembroke. Dan kien osserva l-vettura bi tfajla fiha li kienet qed tgħajjat u tibki. Meta avviċinaha rrealiżża li din it-tfajla setgħet kienet qed tiġi stuprata.

**16**. L-appellant ġie arrestat u mitkellem mill-Pulizija wara li ngħata d-drittijiet skont il-Liġi fejn ikkonsulta wkoll mal-Avukat tal-għażla tiegħu. Hu stqarr li waqt li kien Paceville iltaqa' ma' Omissis 1. Dawn niżżlu fuq il-bajja ta' San Ġorġ flimkien u hemmhekk kellhom x'jaqsmu sesswalment darbtejn u wara li lestew kien hemm ġuvni Taljan li wkoll kellu x'jaqsam magħha. Allegatament l-appellant kien mar jixrob wara li lesta t-Taljan iżda innota li l-vittma kienet kemmxejn ma tiflaħx. Filwaqt li kien qed jieħu ħsiebha wasal il-ko-akkużat Ngumezi, li hu jisħaq li ma kienx jafu qabel dakinhar, u hawnhekk Omissis 1

daħlet fil-karrozza ta' dan Ngumezi flimkien miegħu, u dawn it-tlieta rħwelha lejn Pembroke. L-appellant hawnhekk jallega illi Ngumezi ried jipprova jkollu x'jaqsam ma' Omissis 1, iżda hu pprova jwaqqfu. Jikkontendi illi hu ma kellux x'jaqsam mal-istupru allegatament kommess mill-ko-akkużat fuq l-allegata vittma.

**17.** Martin Omissis 1 tagħti verżjoni kemmxejn differenti ta' din il-viċenda kriminuża. Tispjega illi f'dik l-għodwa wara li spiċċat mix-xogħol ġewwa l-*Avenue Restaurant* għall-ħabta tas-siegħa ta' filgħodu telqet lejn l-appartament fejn kienet tirrisjedi, li jinsab fuq l-istabbiliment "*Avenue*" fejn taħdem. Hemmhekk inħaslet u biddlet u wara ħarġet ma sħabha għall-ħabta tas-sagħtejn ta' filgħodu. Tiftakar li marru ġewwa Bar bl-isem *Native,* ukoll ġewwa Paceville, fejn xorbu xi xorb alkoħoliku konsistenti f'żewġ birer u erba' *shooters*, b'dan għalhekk li kkonsmat aktar alkoħol milli kienet imdorrija tikkonsma. F'dak il-mument tikkontendi li sofriet *black out,* jew kif tiddiskrevieh hi bhala "*vuoto di memoria*", fejn f'daqqa waħda sabet ruħha tgħum fil-bajja ta' San Ġorġ libsa biss il-ħwejjeġ ta' taħt tagħha. Hawn iltaqghet ma' persuna ta' nazzjonalita' Taljana li beda jkellimha u jiffastidjaha tant illi ħarġet mill-baħar u telgħet waħedha mill-bajja. Tiftakar li hi kienet qed tħossha fis-sakra u kienet mxiet tul il-*promenade* fl-inħawi ta' *Hugo's Terrace* liebsa biss il-ħwejjeġ ta' taħt u l-flokk filwaqt li kienet ħafja u mingħajr il-*jeans* li kienet liebsa meta ħarġet mid-dar. Filwaqt li kienet miexja jidher li reġgħet intilfet minn sensiha peress illi tiftakar f'daqqa waħda li sabet lilha nnifisha eskortata lejn vettura fejn kienet qed tiġi megħjuna minn raġel ta' karnaġġjon skur li kien liebes flok oranġjo. Dan daħħalha fis-sedil ta' wara tal-vettura fejn kien hemm persuna oħra. Hi ġiet f'tagħha meta dan l-individwu, li wara ndentifikat bħala l-appellant, kien imbottaha għal fuq is-sedil ta' wara tal-vettura. Hawnhekk Omissis 1 tgħid li bdiet tħabbat u tagħti filwaqt li kienet ġewwa l-vettura u allegatament qaċċtet anki parti mill-*gear lever* bit-tama li dawn ma jsuqux minn fuq il-post u bdiet tgħajjat u tibki għall-għajnuna, iżda l-

appellant u l-ko-akkużat saqu b'veloċita fid-direzzjoni ta' Pembroke. Tiftakar ukoll li bdiet tissara mal-appellant fejn anke xejjritlu daqqa ta' ponn u ftakret ukoll li hu beda jgħattilha ħalqha biex ma tgħajjatx. Hawnhekk tikkontendi li ntilfet minn sensiha u meta reġgħet ġiet f'tagħha hi sabet lilha nnifisha fuq is-sedil tal-passiġier ta' quddiem tal-karrozza li fiha kienet iddaħħlet, b'saqajha mdendlin 'il barra mill-vettura. Hi kienet kważi għarwiena apparti għal-flokk li kien imrembel 'il fuq minn sidirha. Tiftakar fl-istess waqt lil ko-akkużat jippenetraha kontra r-rieda tagħha. Tgħid li f'dak il-mument u sabiex iżżomm lill-aggressur tagħha milli jivvjolentaha, u anke bit-tama' lil bit-trapass tal-ħin jiffaċċja xi ħadd sabiex jgħinha, hi kienet offriet lil dan ir-raġel, li wara rrizulta li kien Ngumezi, li tagħmel sess orali miegħu, u hu fil-fatt aċċetta. Iżda wara ftit tal-ħin hu xorta ried li jkollu x'jaqsam magħha sesswalment fejn kien reġa dawwarha fuq dahra u ppenetraha. Għal darb'oħra tgħid li ssuġġerietlu li minflok jagħmlu sess anali u hu reġa' aċċetta, iżda ma rnexxielux jikkometti l-att billi Omissis 1 ma ppermettietx li hu jippenetraha. Konsegwentement Ngumezi reġa dawwarha wiċċha l-fuq u reġa' ppenetraha, iżda ftit mumenti wara tfaċċaw il-Pulizija li nterrompew il-prosegwiment ta' dan il-konġuġiment karnali.

**18.** Rigward il-parteċipazzjoni tal-appellant fil-kummissjoni tar-reat, Omissis 1 tiftakar illi waqt li kien qed jabbużaha l-ko-akkużat, hu kien qed iserraħ mal-karozza fuq in-naħa tax-xufier iħares lejhom mit-tieqa. Fil-fatt il-Pulizija li marru fuq il-post jixhdu illi nnutaw lill-appellant barra il-vettura u kif dan induna bil-preżenza tagħhom, qabad jimxi b'pass mgħaġġel fid-direzzjoni l-opposta filwaqt li baqa' jħares lura. Issa għalkemm Omissis 1 ma tiftakarx li kellha konġunġiment karnali mal-appellant, mir-riżultati tal-eżamijiet forensiċi fuq il-kampjuni elevati minn fuq il-persuna tagħha, nstabet il-presenza tad-DNA tal-appellant imħallat ma' dak tagħha li allura kien indikattiv li kien seħħ konġunġiment karnali bejniethom, liema fatt ġie kkonfermat mill-appellant, għalkemm hu jisħaq illi dan seħħ bil-kunsens tal-vittma.

**Ikkunsidrat**

**19.** Illi matul it-trattazzjoni orali magħmula mid-Difensur tal-appellant, hu stieden lil din il-Qorti sabiex tieħu qies tal-verżjoni tal-fatti kif rakkontati mill-ko-akkużat Ngumezi fil-kors taċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri u li tirriżulta mill-atti probatorji u dan sabiex titqies il-verosimiljanza ta' dak mistqarr mill-appellant dwar il-verzjoni tiegħu tal-fatti. Dan għaliex, fil-fehma tiegħu, billi l-proċeduri fil-konfront ta' Ngumezi issa għaddew in ġudikat, dan sar xhud kompetenti f' dawn il-proċeduri penali.

**20**. Illi l-Kodiċi Kriminali jfassal ir-regoli dwar il-kompetenza tax-xhud u allura anke tal-persuna akkużata meta din tagħżel li tiddeponi fl-artikoli 636, 658 u 661 tiegħu, liema prova tiswa biss favur jew kontra tiegħu u ma tagħmilx stat kontra l-persuna tal-ko-akkużat. Illi f'deċiżjoni spiss iċċitata in materja, u dan f'digriet mogħti mill-Qorti Kriminali fit-22 ta' Diċembru 1998 fil-kawża fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Ian Farrugia** dwar talba li saret biex jixhed ċertu Carmel Attard, hemm mgħallem hekk:

> **... persuna li tkun akkuzata, kemm bhala komplici kif ukoll bhala ko-awtur, bl-istess reat migjub kontra akkuzat iehor ma tistax tingieb bhala xhud favur jew kontra dak l-akkuzat l-iehor sakemm il-kaz taghha ma jkunx gie definittivament deciz. Dan il-principju japplika sia jekk dik il-persuna tkun giet akkuzata fl-istess kawza tal-akkuzat l-iehor – b'mod li jkun hemm 'ko-akkuzati' fil-veru sens tal-kelma – u sia jekk tkun akkuzata fi proceduri separati. Il-bazi ta' dan il-principju hu argument *a contrario sensu* li jitnissel mill-paragrafu (b) tal-Artikolu 636 tal-Kodici Kriminali,**
>
> **'...[la] quale disposizione non pone alcuna distinzione circa il grado in cui il teste fosse stato imputato, se, cioe`, come autore o coautore del delitto o come complice, essendo solo importante per i fini della ammissibilita` della sua deposizione che egli, non avendo a temere alcuna azione criminale per quanto va a deporre, non abbia l'interesse**

**di scagionarsi e di incriminare altri' (R. v. Carmelo Cutajar ed altri, 18/1/1927, Kollezz Deciz XXVI iv 758, 760).**

**Il-Qorti taghmel referenza wkoll ghas-segwenti decizzjonijiet: R. v. Filippo Pace, Qorti Kriminali, 14/11/1890, Kollezz. Deciz. XII.531; P. v. Toni Pisani, App. Krim, 11/11/1944, Kollezz Deciz XXXII.iv.792; R v Karmnu Vella, Qorti Kriminali, 3/12/47, Kollezz Deciz XXXIII.iv.547; P v Alfred W Luck et, App. Krim., 25/4/1949, Kollezz. Deciz. XXXIII.iv.870; u Rep. v. Domenic Zammit et, Qorti Kriminali, 15/12/1997 kif integrata bid-decizzjoni tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-istess ismijiet tal-31/7/1998.**

**Ghalhekk mhix kwistjoni, kif donnu qed jippretendi l-akkuzat odjern, li Carmel Attard ghandu xi ghazla li jixhed jew ma jixhedx ghax jista' jinkrimina ruhu. Carmel Attard, li kien akkuzat bhala ko-awtur bl-istess reat li bih l-akkuzat odjern jinsab akkuzat, ma hux kompetenti li jixhed (sia bhala xhud tal-prosekuzzjoni sia bhala xhud tad-difiza) qabel ma l-kaz tieghu ighaddi in gudikat. Sa ma jintlahaq dak l-istadju, Carmel Attard hu inammissibbli bhala xhud indipendentement minn jekk huwa stess iridx jixhed; wara li l-kaz tieghu jghaddi in gudikat, hu jsir ammissibbli bhala xhud u jkollu jixhed anke jekk ma jridx.**

**21**. Illi dan ifisser illi dik id-depożizzjoni u dawk l-istqarrijiet magħmula mill-ko-akkużat filwaqt li l-proċeduri tiegħu jkunu għadhom pendenti ma jagħmlux prova kontra l-ko-awtur jew kompliċi tiegħu, akkużat flimkien miegħu sabiex il-Qorti ma tistax tieħu kont ta' dik id-depożizzjoni u stqarrija hekk mogħtija.

**Ikkunsidrat**

**22**. Spjanati dawn il-fatti probatorji jemerġi minn eżami tal-atti illi l-allegata vittma Omissis 1 tagħti l-verżjoni tagħha tal-fatti f'iktar minn okkażjoni waħda u ċioe' l-ewwel meta ġiet mitkellma matul l-investigazzjoni u mbagħad meta offriet ix-xiehda tagħha fil-Qorti f'żewġ okkażjonijiet oħra. Il-Prosekuzzjoni tisħaq illi din dejjem baqgħet konsistenti fir-rakkont tagħha u fejn kien hemm xi diverġenzi dawn ma kienux ta' portata li jwasslu għad-dubbju dwar il-veraċita' tal-verżjoni

tagħha tal-fatti. Omissis 1 tiftakar illi kien l-appellant li mbottaha għal ġewwa l-vettura li kienet misjuqa mill-ko-akkużat u kien l-appellant li beda jsikkitha kif hi bdiet tgħajjat u twerżaq għall-għajnuna, tant illi meta dan għattielha ħalqha b'idu saħansitra xejjritlu daqqa ta' ponn. Ma tiftakarx madanakollu li seħħ il-konġunġiment karnali miegħu, u tiftakar biss l-avvanzi sesswali mill-ko-akkużat Ngumezi u l-bidu ta' konġunġiment karnali ma' dan tal-aħħar f'iktar minn okkażjoni waħda.

**23**. Tikkontendi Omissis 1 illi f'dik il-lejla minħabba fl-istat t'inebrijatezza tagħha hi ntilfet minn sensiha u kif tgħid fi kliemha stess kien hemm mumenti meta kellha *"vuoto di memoria"*. Dan magħdud madanakollu l-appellant, sa ċertu punt jimlieh dan il-vojt meta jikkonferma illi huwa kellu x'jaqsam sesswalment mal-vittma, iżda dan, skond il-verżjoni tiegħu tal-fatti, seħħ b'mod konsenswali. Illi fil-fatt dan il-konġunġiment karnali komplut huwa kkonfermat mir-rapport tal-esperta serologa li tikkonferma illi fuq il-vittma u il-ħwejjeġ tagħha kien hemm il-presenza tad-DNA tagħha u tal-appellant.

24. Illi għalkemm l-appellant jikkontendi illi r-rapporti sesswali kienu konsenswali u li seħħew fuq il-bajja ta' San Ġorġ u mhux f'Pembroke, madanakollu il-provi indizzjarji u provi oħra diretti juru xort'oħra. Illi fl-ewwel lok kien hemm żewġ denunzji li saru lill-Pulizija minn terzi li jikkonfermaw illi l-avvanzi fuq il-persuna tal-vittma ma kienu konsenswali xejn tant illi din bdiet tgħajjat u tipprotesta meta l-appellant u sieħbu ħatfuha u daħħluha forzatament fil-vettura u saqu biha lejn Pembroke. Prova ta' dan hemm il-filmati tal-kameras tas-sigurta' b'diversi nies jieqfu jħarsu lejn ix-xena tal-ħtif li seħħet fil-bajja ta' San Ġorġ. Jidher ċar illi qed jinħoloq ċertu allarm pubbliku. Fil-fatt dawn il-filmati miġbura mill-esperti tal-forensika jikkonfortaw il-verżjoni tal-fatti tal-vittma u mhux tal-appellant billi mhux biss ġie maqbud fuq il-filmati il-mument meta l-vittma ittieħdet minn dawn iż-żewg irġiel, iżda minn filmati li nġibdu fil-

ħin preċedenti għal dan il-ħtif, ma tirriżulta ebda xena li tindika li kien hemm xi rapport sesswali fil-bajja ta' San Ġorġ kif jallega hu.

**25.** Issa l-appellant isostni li l-verdett kif ritornat mill-ġurija jindika inkonfutabbilment illi l-ġurati għamlu apprezzament żbaljat tal-provi u dan meta għalkemm illiberaw lill-ko-akkużat mill-ewwel Kap tal-Att tal-akkuża li kien jittratta r-reat tal-istupru, imbagħad sabu lilu ħati tal-kommissjoni ta' dan ir-reat bl-aggravanti li d-delitt ġie kommess minn aktar minn persuna waħda u ċioe' minnu u mill-ko-akkużat sabiex b'hekk allura, fil-fehma tiegħu, dan il-verdett għal kollox kontradittorju jirrifletti l-interpretazzjoni żbaljata tal-evidenza li għamlu l-ġurati. Mhux biss iżda dawn saħansitra illiberawh mill-akkuża tas-serq tal-persuna u tar-reat tal-offiża ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' Omissis 1, deċiżjoni li tindika li huma ma kienux qed jagħtu affidament lill-verżjoni tal-vittma. Issa huwa minnu illi l-verdett tal-ġurati jista' jiġi nterpretat bħala wieħed kemmxejn konfużjonarju, madanakollu hija fis-setgħa ta' din il-Qorti issa fi stadju ta' reviżjoni li tqis liema mill-verżjonijiet mogħtija setgħet tkun l-iktar attendibbli u kredibbli; imbagħad stabbiliti x'kienu l-fatti skont tali verżjonijiet, tqis jekk l-elementi tar-reat li dwaru l-appellant ġie misjub ħati jissussistux, biex b'hekk jiġi stabbilit jekk dak l-apprezzament kif magħmul mill-ġurija popolari setgħax wassal għal xi amministrazzjoni żbaljata tal-ġustizzja fil-konfront tiegħu.

**Ikkunsidrat**

**26**. Illi għalkemm il-Qorti tista' fid-diskrezzjoni tagħha temmen xhud f'dak kollu li jgħid u tista' ma temmnu f'xejn, madanakollu tista' tirriżulta l-verosimiljanza f'parti mix-xiehda tiegħu iżda mhux f'parti oħra. Illi allura b'applikazzjoni tal-bwonsens, il-kredibilita` ta' dak ix-xhud imbagħad għandu jitwieżen minn min hu msejjaħ biex jiġġudika minn fatturi oħra determinanti fosthom il-konsistenza tax-xhud meta mqabbel ma' provi oħra. Illi huwa minnu

illi bosta każijiet ta' stupru jippreżentaw stampa fejn il-provi jkunu prinċipalment jikkonsistu fix-xhieda tal-allegat stupratur u tal-allegata vitma stuprata, biex b'hekk għandhom rwol riżoluttiv il-kredibilta' u l-attendibilita' ta' xhieda għas-soluzzjoni tal-vertenza. It-test tal-kredibilita` u attendibilita joħroġ mill-komportament tax-xhud, kemm ikun konsistenti fil-verżjonijiet mogħtija minnu u, skont dak mistqarr fl-appell kriminali inferjuri **Il-Pulizija vs. Lorenzo Baldacchino** tat-30 ta' Marzu 1963: -

> **Ma hemmx bżonn jinghad li l-komportament tax-xhud (*demeanour*) hu fattur importanti ta' kredibilita (ara Powell, On Evidence, p. 505), u kien, ghalhekk, li inghad mill-Qrati Ingliżi segwiti anki mill-Qrati taghna, illi "great weight should be attached to the finding of fact at which the judge of first instance has arrived" (idem, p. 700), appuntu ghaliex "he has had an opportunity of testing their credit by their demeanour under examination".**

**27.** Illi kif stqarr Lord Chief Justice Widgery fil-kawza "R. v. Cooper" ([1969]:-

> **assuming that there was no specific error in the conduct of the trial, an appeal court will be very reluctant to interfere with the jury's verdict, because the jury will have had the advantage of seeing and hearing the witnesses, whereas the appeal court normally determines the appeal on the basis of papers alone. However, should the overall feel of the case – including the apparent weakness of the prosecution's evidence as revealed from the transcript of the proceedings – leave the court with a lurking doubt as to whether an injustice may have been done, then, very exceptionally, a conviction will be quashed." (Confer also: BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE (1991) , p. 1392)[3].**

**28.** Illi inoltre biex teżamina l-kredibilita' tax-xhud, il-Qorti għandha teżamina d-dettalji mogħtija fix-xiehda ta' dawk ix-xhieda ewlenin, fl-isfond tax-xiehda tax-xhieda l-oħra li jkunu ddeponew, inkluż u b'mod partikolari dik tal-esperti mediċi u xjenzati li taw il-kontribut professjonali tagħhom sabiex tiġi stabbilita kemm jista' jkun b'mod akkurat il-verità storika wara l-inċident inkriminat. F'dan il-każ il-ġurati kienu f'posizzjoni aktar vantaġġuża peress li ġew ukoll

---

[3] Ara. App. Krim. Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et [12.5.94] ; Il-Pulizija vs. Emmanuel Mifsud [11.7.94]; Il-Pulizija vs. Joseph Zahra [10.5.2002] u ohrajn.

prodotti filmati maqbuda minn kameras tas-sigurtà li allura kienu prova ferm rilevanti billi din setgħet turi siltiet importanti minn kif żvolġew il-fatti f'dan il-każ, u b'hekk titfa dawl qawwi fuq liema verżjoni mogħtija mill-partijiet involuti kienet tirriżulta li taqbel ma' dak li jkun qiegħed jidher li verament seħħ f'dan il-każ. Dan apparti xhieda oħra okulari li wkoll jżewqu l-istampa u jimlew il-vojt fir-rakkont ta' dak li verament seħħ f'dik il-għodwa. Ta' rilevanza partikolari huma:

i. Ir-rapport tal-esperti forensiċi Dr. Mario Scerri[4] u Dr. Marisa Cassar[5] li jindikaw inkonfutabbilment illi seħħ rapport sesswali komplut bejn l-appellant u l-parti leża. Dr. Mario Scerri kien ġabar kampjuni intimi konsistenti f'*high vaginal swab, low vaginal swab*, *vulva swab,* u *vaginal wash* minn ġewwa u minn fuq il-persuna ta' Omissis 1. Dawn il-kampjuni intimi ġew esibiti u mgħoddija lill-esperta serologa Dr. Marisa Cassar. Wara li din eżaminathom xjentifikament ikkonkludiet li kien ħareġ profil ġenetiku mħallat ta' Omissis 1 u tal-appellant. Dan il-profil ġenetiku mħallat jirriżulta wkoll minn fuq it-tarf tal-parti ta' quddiem tal-qmis oranġjo[6] li kien liebes l-appellant, mill-*jeans* ta Omissis 1,[7] u minn fuq il-*cover* tas-sedil tal-karozza in-naħa tal-passiġġier[8]. Jidher ukoll li ġew riskontrati xi feriti fil-parti ntima tal-vittma li setgħu kienu ndikattivi ta' penetrazzjoni furzata.[9] Fuq l-appellant, mill-banda l-oħra, l-espert Dr. Mario Scerri irriskontra leżjoni fuq l-aspett anterjuri tan-naħa tax-xellug tax-xoffa t'isfel tal-appellant li kienet tidher friska u kompatibbli ma' *blunt trauma*. Dawn ir-riżultanzi forensiċi huma indikattivi ta' żewġ fatturi determinanti, u ċioe' illi Omissis 1 sofriet minn penetrazzjoni vaġinali mill-appellant

---

[4] Dokument MS1
[5] Dokument MC1
[6] Esebit 16BNF203D
[7] Esebit 16BNF205S1
[8] Esebit 16BNF207S1
[9] Abrazjoni deskritta bhala "at 3 o'clock fuq il-*labia minore*"

bl-indikazzjoni li din kienet waħda furzata kif ukoll li dil-penetrazzjoni vaġinali seħħet fuq is-sedil tal-vettura tan-naħa tal-passiġġier fejn ġie misjub profil ġenetiku imħallat tal-appellant u ta' Omissis 1.

ii. Il-filmati tal-kameras tas-sigurtà elevati mill-istabbiliment tal-*Beer Garden* f'San Ġorġ jagħtu konfort lit-teżi tal-vittma u mhux tal-appellant billi minn dawn il-filmati Omissis 1 tidher qiegħda tgħum fil-bajja, kif tikkontendi hi, u tidher qed tiġi avviccinata minn persuna ta' karnaġġjon ċara li jipprova jiffastidjaha, iżda din tinjorah. Fl-ebda ħin ma jidher mill-filmat illi Omissis 1 kellha xi rapporti sesswali la ma' dan it-Taljan u lanqas mal-appellant, kuntrarjament għal dak li jsostni l-appellant fil-verżjoni tiegħu tal-fatti. Inoltre minn dawn il-filmati Omissis 1 tidher qed timxi b'mod imxengel, fatt li jikkorobora l-verżjoni tagħha li f'dik il-lejla hi kienet taħt l-influwenza tax-xorb.

iii. Illi hemm xhieda li jindikaw illi Omissis 1 inħatfet mill-bajja ta' San Ġorġ minn żewġt irġiel ta' karnaġġjon skura u ddaħħlet forzatament ġewwa vettura li telqet b'veloċità qawwija fid-direzzjoni ta' Pembroke. Omissis 1 tintlemaħ tgħajjat u tirreżisti, fatt illi ġiegħel lil persuna barranija li kienet qed tosserva din ix-xena tagħmel denunzja lil pulizija. Dan isib konfort ukoll fil-filmati esebieti.

iv. Ix-xhieda ta' Melchior Camilleri[10] li kien xhud okulari ta' dak li kien qed iseħħ f'Pembroke, ukoll tagħti konfort lill-verżjoni tal-fatti mogħtija minn Omissis 1 meta dan jindika illi huwa osserva vettura għaddejja b'veloċità lejn Pembroke u wara li waqqfet sema' l-għajjat u twerżieq ta' Omissis 1, fatt li ġiegħlu jagħti daqqa t'għajn iktar mill-qrib meta imbagħad innota lill-appellant qiegħed fuq in-naħa ta' barra tal-vettura jħares 'il ġewwa lejn ix-xena li kienet qed tiżvolġi, fejn hu innota lil Omissis 1 mimduda fuq is-sedil tal-vettura u lil Ngumezi fuqha. Dan

[10] Xiehda matul il-ġuri datata il-5 ta' Settembru 2019 (folio.86 tat-traskrizzjonijiet) u id-depożizzjoni matul il-kumpilazzjoni datata l-5 ta' Settembru 2016 (folio.205 tal-atti)

ġiegħel ukoll lil Camilleri jagħmel denunzja lill-Pulizija li waslu fuq il-post ftit tal-ħin wara u sabu wkoll din ix-xena quddiem għajnejhom.

**29.** Illi dawn il-provi kollha jagħtu konfort lill-verżjoni ta' Omissis 1 li tikkontendi illi f'dik il-lejla kienet ikkonsmat ammont t'alkohol tant illi hija ma kienetx għal kollox f'sensiha u spiċċat tgħum fil-bajja ta' San Ġorġ. Ma jidhirx lanqas illi qabel ma telqet mill-bajja hija kellha xi rapport sesswali ma' xi wieħed mill-akkużati billi l-ebda filmat ma ġibed dan l-episodju. Illi hija inħatfet kontra r-rieda tagħha minn żewġt irġiel ta' karnaġġjon skura li rħewlha lejn Pembroke f'vettura tal-għamla *Fiat*. Jidher illi f'dan il-ħin il-vittma bdiet tipprotesta ruħha għal dan il-ħtif tant illi xejjret daqqa ta' ponn lill-appellant, liema ferita ġiet riskontrata mill-espert mediko-legali Dr. Mario Scerri fuq ix-xoffa tal-appellant. Dan x'aktarx seħħ meta huwa pprova igħattielha ħalqha b'idu. Illi huwa ndubitat ukoll illi Omissis 1 ġiet penetrata vaġinalment bil-pene tal-appellant bl-evidenza forensika turi li din il-penetrazzjoni seħħet fuq is-sedil tal-passiġġier – anke jekk Omissis 1 tgħid li ma tiftakar xejn minn dan l-episodju. *Del resto* ġie konċess mill-appellant li huwa ppenetra vaġinalment lil Omissis 1, anke jekk, skont il-verżjoni mogħtija minnu, dan seħħ bil-kunsens tagħha.

**30.** Illi l-Qorti ma tistax tabbraċċja t-teżi tad-Difiża illi tipprova tattakka l-kredibbilita' ta' dak mistqarr minn Omissis 1 għaliex fil-fehma tad-Difiza l-fatt li l-vittma ma semmietx ir-rapport sesswali li kien hemm mal-appellant kien ifisser li l-verżjoni mogħtija minn Omissis 1 ma kienetx tista' torbot fuqha. Il-vittma rrakkontat dak li ftakkret li għaddiet minnu. Minn dak li rriżulta mill-provi, din il-Qorti tista' serenament tikkonkludi li kieku kien minnu li hija ftakret li kellha dan l-inkontru mal-appellant, żgur li kienet issemmih, kif semmiet fid-dettall u sa fejn tiftakar dak li seħħ bejnha u bejn Ngumezi. Illi minn dawn il-provi li ġew preżentati fil-proċess, il-Ġurija setgħet leġittimament u raġonevolment tasal li tikkonkludi li kien hemm penetrazzjoni vaġinali bejn l-appellant u l-vittma,

liema penetrazzjoni seħħet f'mument fejn il-vittma kienet fi stat li ma kienetx konxja ta' dak li kien qed iseħħ tant illi din ma tiftakar xejn dwar din il-penetrazzjoni. Iżda mill-prova xjentifika imressqa lil ġurati, dawn setgħu serenament jikkonkludu li seħħet din il-penetrazzjoni vaġinali in kwantu mhux biss kien hemm il-presenza ta' profil ġenetiku mħallat tad-DNA tal-vittma u tal-appellant f'ġisem il-vittma u fuq il-vittma stess, iżda dan il-profil ġenetiku komuni mħallat instab ukoll fuq ħwejjeġ l-appellant u fuq ħwejjeġ il-vittma, *nonche'* jirrizulta wkoll *ex admissis* minn dak li stqarr l-appellant li huwa kellu rapport sesswali ma' Omissis 1, għalkemm fil-fehma tiegħu dan kien konsenswali.

**31**. Illi fuq dawn ir-riżultanzi probatorji, il-Qorti trid issa tara jekk il-ġurija setgħetx legalment u raġonevolment tikkonkludi li dawn kienu jikkostitwixxu r-reat ta' stupru vjolent. Ir-reat tal-istupru jikkonfigura meta l-awtur tar-reat:

> **"bil-vjolenza, jikkommetti stupru fuq persuna tas-sess il-wieħed jew l-ieħor". .... Id-dottrina Maltija hija fis-sens li r-reat ta' stupru huwa ikkunsmat meta jigi pprovat: " The commencement of the connection without the necessity of proving any further acts" ( vide Criminal Law - Profs A Mamo pg 194) Ir-reat ta' stupru jissussisti : " upon proof of penetration only: and the slightest penetration is sufficient" (Ibid). Kif gie ben ritenut mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali per l-Onor Imhallef Joseph Galea Debono, fl-ismijiet il-Pulizija Supt. Bartholomeo Mula et. vs. Ommissis, deciza fl-4 ta' Settembru 2003: "Biex ikun hemm ir-reat ta' stupru mhux mehtieg li jkun hemm penetrazzjoni shih u l-icken bidu ta' konnessjoni karnali hija sufficjenti biex jissussisti reat.[11]"**

**32**. Dan il-konġunġiment karnali jrid neċessarjment isir mingħajr il-kunsens tal-vittma. Illi l-artikolu 201(b) tal-Kodiċi Kriminali joħloq preżunzjoni legali fis-sens illi dan il-kunsens għandu jitqies li qed jiġi miċħud meta "**l-persuna li fuqha jsir l-abbuż ma tkunx tista' tirreżisti minħabba marda tal-ġisem jew tal-**

[11] **Ir-Repubbblika ta' Malta vs. Mustafa Ali Larbed** deciza fil-5 ta' Lulju, 2002

**moħħ jew għal raġuni oħra indipendenti mill-egħmil tal-ħati, inkella minħabba l-mezzi qarrieqa li l-ħati jkun inqeda bihom.**"

**33**. Illi għalkemm il-Liġi Maltija tiddisponi illi jkun hemm il-preżunzjoni tal-vjolenza kull meta l-vittma tkun fiżikament jew mentalment inkapaċi, madanakollu ma ssir l-ebda distinzjoni mill-Leġislatur dwar jekk dik l-infermita' mentali għandhiex tkun dovuta għall-azzjoni volontarja tal-vittma jew inkella tal-aggressur tagħha.

**34**. Illi dan il-punt ġie dibattitu reċentement fl-Italja billi fid-dritt penali taljan l-istat t'inkapaċita' mentali naxxenti mill-konsum tal-akoħol fil-każijiet ta' vjolenza sesswali iġib miegħu aggravanti fil-piena.[12] Illi l-*Corte di Cassazione* saħqet illi r-reat xorta waħda jissussisti (u dan referibbilment għall-artikolu 609 tal-*Codice Penale*), għalkemm jekk l-konsum ikun wieħed volontarju ma tikkonfigurax l-aggravanti.

> **L'elemento che deve essere accertato per affermare la sussistenza di un reato contro la libertà sessuale individuale, è l'assenza di volontà e consenso al momento del compimento degli atti. Qualora dalle circostanze del caso, la persona offesa non poteva dirsi cosciente e, dunque, consenziente, il delitto si configura, a prescindere da come e da chi abbia provocato lo stato di incoscienza della vittima, la quale potrebbe essersi posta in tale condizione, anche volontariamente.**
>
> **La pronuncia si pone dunque in linea con la giurisprudenza ormai pacifica in materia, che intende tutelare al massimo la libertà personale - in cui rientra la sfera sessuale - dell'individuo, colpendo i fatti che aggrediscono la persona, e fornendo un'interpretazione delle disposizioni normative che possa garantire la massima protezione.**[13]
>
> **Lo stato d'ebbrezza, ancorché autoindotto, pone la persona offesa in una posizione di svantaggio e di menomazione, tale da non poter esprimere un<<*valido consenso (la capacità) al rapporto sessuale*>>. Per tale motivo, è integrato il reato di violenza sessuale (non aggravato),**

[12] Articolo 609 Codice Penale
[13] www.diritto.it

**giacché la vittima verteva in condizioni d'inferiorità tali da essere incapace di autodeterminarsi e, dunque, di acconsentire al rapporto**[14]

**35.** F'deċiżjoni mogħtija mill-*Corte di Cassazione* f'każ analogu ingħad:

**Integra il reato di violenza sessuale con abuso delle condizioni di inferiorità psichica o fisica (art. 609 bis, comma secondo, n. 1, c.p.) la condotta di chi si congiunga carnalmente con una donna addormentatasi a seguito di ingestione di sostanze alcooliche, essendo l'aggressione alla sfera sessuale della vittima connotata da modalità insidiose e fraudolente.**[15]

**36.** Il-Professur Mamo jghid hekk, fuq l-element tal-vjolenza fin-noti tiegħu dwar il-liġi kriminali:

**It is an element which is of the essence of the crime and not merely an aggravation of it. … … The law does not specify what the violence must consist in. Nor could it. The whole point is to determine in each particular case whether the carnal knowledge took place against the will of the victim and notwithstanding such resistance as he or she could, having regard to his or her physical strength and moral energy, offer: All the rest boils down to an appreciation of the circumstances of fact according to the common experience of life. Any attempt to determine "a priori" the intensity, the character and the degree of violence required would have been vain and dangerous, they depending so much on the character and personal circumstances of the victim of the crime.**[16]

Illum din il-*lacuna* fil-liġi ġiet mimlija bl-emendi li ġew fis-seħħ għad-dispożizzjoni tal-Liġi li tikkontempla r-reat tal-istupru permezz ta'l-Att XIII tal-2018.[17] Iżda kif intqal aktar il-fuq il-posizzjoni tal-Liġi Maltija xorta waħda kienet tipprevedi s-sitwazzjoni fejn ir-raġuni tan-nuqqas ta' kunsens setgħa jkun deżunt minn "**raġuni oħra indipendenti mill-egħmil tal-ħati" – raġuni oħra**,

[14]- http://www.iurisprudentia.it/stupro-e-alcol-la-cassazione-esclude-laggravante

[15]Cassazione penale, Sez. III, sentenza n. 1183 del 16 gennaio 2012

[16] Pg.195

[17] 198(3): L-atti msemmija fis-subartikolu (1) għandhom jitqiesu li seħħew mingħajr kunsens sakemm tali kunsens ma kienx mogħti volontarjament, b'riżultat tal-volontà libera tal-persuna, evalwati fil-kuntest taċ-ċirkostanzi tal-każ u l-istat tal-persuna fiż-żmien tar-reat, b'konsiderazzjoni tal-istat emozzjonali u psikoloġiku tal-persuna, fost konsiderazzjonijiet oħrajn

f'dan il-kuntest setgħet titqies bħala l-istat t'ebrezza awtoindotta tal-vittma li fuqu l-ġurati kellhom provi biżżejjed li jistgħu jikkonkludu li l-appellant li ħa vantaġġ u għamel kapital.

**37**. Issa kif ingħad, mill-eżami tal-atti proċesswali jirriżulta indubitat, u lanqas ma ġie kontestat, illi l-penetrazzjoni vaġinali bejn l-appellant u Omissis 1 seħħet, stante li l-appellant igħid illi kien hemm rapporti sesswali bejnu u bejn Omissis 1. Il-kontestazzjoni pero teżisti fir-rigward tal-eżistenza o meno tal-kunsens tal-vittma fil-mument li fih seħħ l-att inkriminatorju; jekk kienx għalhekk jeżisti l-element tal-"vjolenza" fis-sens li kienet issemmi l-Liġi bħala wieħed mill-elementi legalment rikjesti biex jitqies integrat ir-reat tal-istupru; u jekk għandhiex tapplika l-preżunzjoni legali stabbilita fl-artikolu 201(b) tal-Kodiċi Kriminali ta' dak iż-żmien sabiex b'hekk il-ġurati setgħu iqisu li kien preżunt l-element tal-vjolenza f'dan il-każ, anke jekk dan seta' ma kienx jeżisti fiżikament.

**38.** Huwa evidenti mill-imġieba tal-vittma illi l-ammont ta' alkohol li kienet ikkunsmat kien tali illi l-kapaċitajiet mentali tagħha kienu ġew kompromessi. Il-vittma tgħid illi kienet qed tħossha ma tiflaħx u ntilfet minn sensiha għal iktar minn darba tant illi r-rakkont tagħha fih mumenti ta' amnesija kompatibbli mal-konsum ta' ammont għoli ta' akoħol. Dan l-istat t'ebrezza estrem jirriżulta mix-xiehda tal-vittma li kien għadu jeżisti anke waqt li hija ġiet penetrata mill-appellant, in kwantu tistqarr li ma kienetx tiftakar li kienet ġiet penetrata minnu – minkejja li l-evidenza xjentifika tipprova xort'oħra. Ifisser ukoll li fil-mument illi l-appellant ippenetra vaġinalment lill-vittma, din żgur li ma kienetx f'sensiha. B'hekk il-ġurati, in bażi għal dawn ir-riżultanzi setgħu leġittimament u raġonevolment jikkonkludu li waqt din il-penetrazzjoni vaġinali mill-appellant fuq il-vittma, l-istess vittma kienet fi stat li **ma setgħetx tirreżisti minħabba raġuni oħra indipendenti mill-egħmil tal-ħati.** B'hekk l-istess ġurati setgħu jikkonkludu li f'dan il-każ, kienet tirriżulta l-preżunzjoni tal-vjolenza li titkellem

dwarha il-Liġi fl-artikolu 201(b) tal-Kodiċi Kriminali sabiex b'hekk din il-penetrazzjoni vaġinali mill-appellant fuq il-persuna tal-vittma setgħet titqies li kienet tikkwalifika bħala konġunġiment karnali li ssawwar ir-reat ta' stupru vjolent.

**39**. Illi d-Difiża m'għandhiex raġun meta tikkontesta s-sejbien ta' ħtija tal-appellant għar-reat tal-istupru vjolent. Il-konġunġiment karnali kommess mill-appellant fuq il-vittma jikkostitwixxi r-reat ta' strupru **indipendentement** mill-atti u mill-azzjonijiet li setgħu ġew jew ma ġewx kommessi mill-ko-akkużat fuq il-persuna tal-istess vittma. Illi allura dik il-kontradizzjoni fil-verdett milħuq mill-ġurati, li jilmenta dwarha l-appellant u jikkumenta dwarha wkoll l-Avukat Ġenerali semmai tista' jkollha rilevanza fir-rigward tal-kundanna għall-fini tal-aggravanti msemmija fl-artikolu 202(b) tal-Kodiċi Kriminali, liema aggravanti torbot ma' u tikkwalifika l-*quantum* tal-piena iżda mhux marbuta mal-elementi kostituttivi tar-reat ta' stupru vjolent kommess mill-appellant u li rriżultaw ippruvati f'dan il-każ.

**40**. Illi l-artikolu 202(d) tal-Kodiċi Kriminali jikkontempla żieda fil-piena għar-reat ta' stupru vjolent kull meta **"l-ħati, fl-esekuzzjoni tad-delitt, jiġi mgħejjun minn persuna waħda jew iżjed".** Illi sfortunatament id-diċitura tal-liġi hija riflessa b'mod infeliċi fil-parti akkużatorja tal-ewwel Kap tal-Att tal-Akkuża li jikkontempla ir-reat tal-istupru, bl-appellant jiġi mixli flimkien ma' Ngumezi illi "**ikkommettew stupru fuq il-persuna tas-sess femminili (Omissis 1), b'dana illi dan l-istupru huwa wieħed aggravat stante li ġie kommess minn tnejn minn nies li għenu lil xulxin fl-ezekuzzjoni tad-delitt."** Dan madanakollu ma kellux ifisser illi l-aggravanti tirriżulta unikament meta l-vittma tiġi stuprata minn tnejn minn nies, billi l-artikolu tal-liġi li jiġi indikat mill-Avukat Ġenerali u ċioe' l-artikolu 202(d) tal-Kodiċi Kriminali ma jinneċessitax illi l-att materjali jiġi eżegwit minn tnejn minn nies. Huwa biżżejjed sabiex

tikkonfigura l-aggravanti illi l-awtur tad-delitt ikun megħjun fl-eżekuzzjoni tiegħu minn persuna waħda jew iżjed, bil-Leġislatur ma jindikax il-mod kif din l-għajnuna għandha timmaterjalizza ruħha. L-applikazzjoni korretta tal-Liġi għall-akkuża ta' stupru vjolent kwalifikat kellha tkun fis-sens illi għalkemm iż-żewġ akkużati mixlija li ikkomettew l-istupru vjolent fuq il-persuna ta' Omissis 1, madanakollu r-reat **ta' stupru kommess minn kull wieħed minnhom individwalment,** f'każ ta' sejbien ta' ħtija, kellu jitqies aggravat dment li mill-provi kienet tirriżulta li fl-eżekuzzjoni tad-delitt tal-istupru minn kull wieħed minnhom kienet ġiet prestata l-assistenza minn (jew mill-) persuna oħra (jew l-oħra). Dan ifisser li din it-tieni persuna mhux neċessarjament għandha tiġi misjuba ħatja ukoll tal-att materjal tar-reat. Din il-persuna l-oħra setgħet jew ma setgħetx kienet hi wkoll involuta fil-kommissjoni tal-istupru vjolent. Li huwa importanti huwa li min ikun qiegħed jikkommetti l-istupru vjolent, waqt l-eżekuzzjoni tar-reat, jkun mgħejjun minn din il-persuna (jew persuna oħra) – irrispettivament jekk din il-persuna (jew persuna oħra prestanti l-għajnuna) tkunx ħadet sehem fl-istupru tal-vittma hi wkoll jew le.

**41.** Illi huwa indubitat illi l-appellant kien megħjun minn sieħbu fl-atti kollha preparatorji sabiex l-appellant ikun jista' jirnexxielu jwettaq dan ir-reat u dan peress li l-appellant u Ngumezi rnexxielhom jaħtfu w igħabbu lill-vittma fil-vettura tagħhom, isuqu lejn Pembroke fejn hemmhekk it-tnejn li huma abbużaw sesswalment mill-vittma f'mumenti fejn din kellha r-riflessi tagħha indeboliti tant illi ftit li xejn setgħet toffri reżistenza għall-vjolenza mwettqa fuq il-persuna tagħha. Issa għalkemm huwa minnu illi l-ġurati sorprendentement ma sabux lill-ko-akkużat ħati tar-reat tal-istupru, u lanqas tat-tentattiv tal-istess u dan meta kellu jirriżultalhom mix-xiehda ta' Omissis 1 illi kien hemm, għal tal-inqas, il-bidu tal-konġunġiment karnali kemm vaġinali kif ukoll orali tal-gisem tal-vittma, madanakollu l-Avukat Ġenerali għoġbu ma jappellax minn dan il-verdett u kwindi din il-Qorti hija prekluża milli tistħarreġ jekk id-deċiżjoni tal-ġurati fil-

konfront ta' Ngumezi kienetx waħda li tagħmel ġustizzja fiċ-ċirkostanzi. Dan madanakollu ma għandux ifisser illi l-appellant ma għandux iwieġeb għall-aġir kriminali minnu kommess. Illi mistqarr dan dil-Qorti ma tirriskontra ebda nuqqas fil-verdett milħuq mill-ġurati fir-rigward tal-Ewwel Kap tal-Att tal-Akkuża miġjuba kontra l-appellant, li kif ġie affermat fid-deċiżjoni preliminari mogħtija in konnessjoni mal-ewwel aggravju, għandu jitqies indipendentement u separatment mill kapi l-oħra kemm dawk miġjuba kontra l-appellant kif ukoll dawk miġjuba kontra il-ko-akkużat.

**42.** Magħmula dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti hija tal-fehma illi lanqas dan l-aggravju marbut mal-mertu ma jistħoqqlu akkoljiment u għalhekk qed jiġi miċħud.

**Ikkunsidrat**

**43**. Illi finalment l-appellant jilmenta illi l-piena erogata mill-Ewwel Qorti kienet waħda eċċessiva. Illi qabel kull konsiderazzjoni dwar l-oġġezzjoni minnu ventilata fir-rigward tal-*quantum* tal-piena, il-Qorti trid neċessarjament tagħmel is-segwenti osservazzjonijiet u dan fl-aħjar amministrazzjoni tal-ġustizzja għalkemm aggravju f'dan is-sens ma ġiex ventilat.

**44**. Il-ġurati sabu lill-appellant ħati wkoll tat-tieni Kap tal-Att tal-Akkuża li permezz tiegħu huwa ġie mixli b'dak li kien jissejjaħ fiż-żmien tal-kummissjoni tar-reat bħala id-delitt tal-"attentat vjolenti għal pudur", sostitwit permezz tal-Att XIII tal-2018 bir-reat tal-"att ta' natura sesswali mingħajr kunsens" fejn il-leġislatur madanakollu ma jagħti ebda definizzjoni ta' dak li jikkostitwixxi l-att materjali tar-reat. Illi fi kwalunkwe każ, l-attentat vjolent għall-pudur, jew dak li llum jissejjah "l-att ta' natura sesswali mingħajr kunsens", hu kostitwit minn dawk l-atti impudiċi kollha li jiġu kommessi fuq persuna oħra kontra l-volonta'

tagħha **<u>li ma jammontawx</u>**[18] għal wieħed mid-delitti, ikkunsmati jew attentat, imsemmijin fl-artikoli ta' qabel l-artikolu 207 tal-Kodiċi Kriminali, li jikkontempla dan ir-reat. Dan ifisser illi tista' tinsab ħtija għal dan ir-reat **<u>biss</u>** jekk ma jkunx jirriżulta xi wieħed mir-reati l-oħra li jippreċedu dan l-artikolu tal-Liġi li jinsab taħt is-sub-titolu II imsejjaħ "Tad-Delitti Sesswali", sub-titolu li jaqa' taħt t-Titolu VII li jikkontempla dawk id-delitti li jaffettwaw id-dinjita' tal-persuni, bir-reat tal-istupru imfassal fl-artikolu 198 tal-Kodiċi Kriminali jaqa' taħt dan is-sub-titolu II. Illi allura ġaldarba r-reat tal-attentat vjolenti għal pudur huwa alternattiv għal dak tal-istupru, u ġaldarba instabet ħtija għar-reat l-iktar gravi, il-ġurati kellhom jipprosegwu biex jastjenu milli jieħdu konjizzjoni tar-reat ikkontemplat taħt it-tieni Kap tal-Att tal-Akkuża billi dina l-akkuża hija waħda alternattiva għar-reat tal-istupru imħaddan fl-Ewwel Kap bil-konsegwenza li l-appellant ma kellux jingħata l-piena ukoll għal dan ir-reat.

**45.** Illi fir-rigward imbagħad tas-sejbien ta' ħtija għar-reat tas-sekwestru tal-persuna l-artikolu 86 tal-Kodiċi Kriminali jgħid hekk :

> **"kull min, bla ordni skont il-liġi ta' l-awtorita' kompetenti, u barra mill-każijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lill-ħati, jarresta, izomm jew jissekwestra lil xi persuna kontra l-volonta' tagħha jew jagħti l-post biex fih din il-persuna tiġi arrestata, miżmuma jew issekwestrata…"**

**46**. Illi l-Professur Sir Anthony Mamo (Notes on Criminal Law [1953 edit.] [Part. II p. 40] ) meta jkun qed jittratta l-element materjali tar-reat in kwistjoni jghid :-

> **the words "arrest" "detention" and "confinement" are not synonymous: each indicates a special manner in which an attempt can be made on personal liberty:**
>
> **"Il reato preveduto nell'articolo 169 (our Section 86) esiste sia quando alcuno si fermi nel mentre che agisce o camina; sia quando si faccia rimanere suo malgrado in quell luogo ove si trova; si quando**

[18] Sottolinjar tal-Qorti

**finalmente si trasporti da un luogo ad un altro." (ROBERTI – ibid , para 323)**

**...Thus a person may be arrested without being incarcerated or confined in any place; or may be detained in his own house without having been previously arrested.**

**47.** Illi allura sabiex ir-reat tas-sekwestru tal-persuna jikkonfigura, trid tirrizulta l-privazzjoni ta' persuna mill-liberta' personali tagħha u dan mhux biss meta dik il-persuna tittieħed forzatament minn post għall-ieħor, imma anke meta tiġi miżmuma kontra l-volonta' tagħha milli tiċċaqlaq għal xi ħin jew tiġi imsakkra x'imkien.

**Biex ikun hemm ir-reat ta' arrest illegali kontemplat fl-artikolu 86 tal-Kap.9, irid jirriżulta li l-vittma giet imwaqqfa, miżmuma jew meħuda minn post ghall-ieħor kontra l-volonta' tagħha, u s'intendi mingħajr awtorita legittima.**[19]

Bl-awturi, fosthom l-Antolisei u il-Maino, iqisu li sabiex jissussisti dan ir-reat mhux biss il-vittma trid tkun ġiet imċaħda b'mod assolut mill-liberta' tagħha biex b'hekk ma jkunx hemm possibilita` ta' ħarba jew sokkors, iżda ukoll illi tali privazzjoni tal-liberta' trid tkun ipperdurat għal perijodu ta' ħin u mhux jekk dan jkun momentanju biss.

**48**. Illi esposti dawn l-elementi ta' dritt li jikkostitwixxu dan ir-reat huwa evidenti illi hawnhekk jikkonfigura l-konkors materjali tar-reati biex b'hekk l-Ewwel Qorti kellha tgħaddi biex tapplika d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 17(h) tal-Kodiċi Kriminali fil-kalibrazzjoni tal-piena, billi dan ir-reat serva bħala mezz għall-fini tal-kummissjoni tar-reat tal-istupru.

[19] Il-Pulizija vs James Demanuele, App. Krim. Inf – 02/10/2000

**49**. Dan ifisser illi għandu jkun hemm modifikazzjoni fil-piena minħabba f'dawn ir-raġunijiet, iżda mhux għal motivi imressqa 'l quddiem mill-appellant f'dan l-aggravju.

**50**. Illi finalment huwa inutli għall-appellant illi jipparaguna l-piena lil ġiet imposta fuqu ma' dik tal-ko-akkużat Ngumezi, li madankollu huwa eżerċizzju li din il-Qorti m'għandiex l-intenzjoni li tagħmel, billi kif diversi drabi ribadit il-paraguni huma odjuzi iktar u iktar meta għalkemm ko-akkużati fl-istess proċeduri, l-appellant u l-ko-akkużat ma nstabux ħatja tal-istess reati lilhom addebitati.

**51**. Issa, fejn si tratta ta' disparita` fil-piena mogħtija, il-Qrati Ingliżi kellhom okkażjoni jittrattaw sitwazzjonijiet simili u minn dik il-ġurisprudenza wieħed jista' jislet ċerti linji ta' gwida. Fi *Blackstone's Criminal Practice*, 2001 (para. D22.47 a fol. 1650) jingħad:

> **A marked difference in the sentences given to joint offenders is sometimes used as a ground of appeal by the offender receiving the heavier sentence. The approach of the Court of Appeal to such appeals has not been entirely consistent. The dominant line of authority is represented by Stroud (1977) 65 Cr App R 150. In his judgment in that case, Scarman LJ stated that disparity can never in itself be a sufficient ground of appeal - the question for the Court of Appeal is simply whether the sentence received by the appellant was wrong in principle or manifestly excessive. If it was not, the appeal should be dismissed, even though a co-offender was, in the Court of Appeal's view, treated with undue leniency. To reduce the heavier sentence would simply result in two rather than one, over-lenient penalties. As his lordship put it, 'The appellant's proposition is that where you have one wrong sentence and one right sentence, this court should produce two wrong sentences. That is a submission which this court cannot accept'. Other similar decisions include Brown [1975] Crim LR 177, Hair [1978] Crim LR 698 and Weekes (1980) 74 Cr App R 161…. However, despite the above line of authority, cases continue to occur in which the Court of Appeal seems to regard disparity as at least a factor in whether or not to allow an appeal (see, for example, Wood (1983) 5 Cr App R (S) 381).**

**The true position may be that, if the appealed sentence was clearly in the right band, disparity with a co-offender's sentence will be disregarded and any appeal dismissed, but where a sentence was, on any view, somewhat severe, the fact that a co-offender was more leniently dealt with may tip the scales and result in a reduction.**

**Most cases of disparity arise out of co-offenders being sentenced by different judges on different occasions. Where, however, co-offenders are dealt with together by the same judge, the court may be more willing to allow an appeal on the basis of disparity. The question then is whether the offender sentenced more heavily has been left with 'an understandable and burning sense of grievance' (Dickinson [1977] Crim LR 303). If he has, the Court of Appeal will at least consider reducing his sentence. Even so, the prime question remains one of whether the appealed sentence was in itself too severe. Thus, in Nooy (1982) 4 Cr App R (S) 308, appeals against terms of 18 months and nine months imposed on N and S at the same time as their almost equally culpable co-offenders received three months were dismissed. Lawton LJ said:**

**'There is authority for saying that if a disparity of sentence is such that appellants have a grievance, that is a factor to be taken into account. Undoubtedly, it is a factor to be taken into account, but the important factor for the court to consider is whether the sentences which were in fact passed were the right sentences.'**

**52.** Archbold, f'*Criminal Pleading, Evidence and Practice*, 2001 (para. 5-174, p. 571) jikkummenta hekk:

**Where an offender has received a sentence which is not open to criticism when considered in isolation, but which is significantly more severe than has been imposed on his accomplice, and there is no reason for the differentiation, the Court of Appeal may reduce the sentence, but only if the disparity is serious. The current formulation of the test has been stated in the form of the question: 'would right-thinking members of the public, with full knowledge of the relevant facts and circumstances, learning of this sentence consider that something had gone wrong with the administration of justice?' (per Lawton L.J. in *R. v. Fawcett*, 5 Cr. App.R.(S) 158 C.A.). The court will not make comparisons with sentences passed in the Crown Courts in cases unconnected with that of the appellant (see *R. v. Large*, 3 Cr.App.R.(S) 80, C.A.). There is some authority for the view that disparity will be entertained as a ground of appeal only in**

> **relation to sentences passed on different offenders on the same occasion: see *R.v. Stroud*, 65 Cr. App.R. 150, C.A. It appears to have been ignored in more recent decisions, such as *R. v. Wood*, 5 Cr.App.R.(S) 381. C.A., *Fawcett*, ante, and *Broadbridge*, ante. The present position seems to be that the court will entertain submissions based on disparity of sentence between offenders involved in the same case, irrespective of whether they were sentenced on the same occasion or by the same judge, so long as the test stated in *Fawcett* is satisfied."**

**53**. Issa kif ingħad l-appellant u l-ko-akkużat Ngumezi ġew misjuba ħatja ta' reati li ma jġorrux l-istess piena. Illi fiż-żmien tal-kummissjoni tar-reat, u allura qabel ma din id-dispożizzjoni tal-Liġi li titkellem dwar ir-reat tal-istupru ġiet sostitwita permezz tal-Att XIII tal-2018, il-piena kienet dik tal-priġunerija bejn tlett snin sa disa' snin, li kif tajjeb qalet l-Ewwel Qorti biż-żieda tal-aggravanti din titla' għal dik tal-priġunerija ta' bejn l-erba' snin u l-għoxrin sena. Illi għal motivi hawn fuq miġjuba ma kellhiex tingħata piena għaż-żewġ reati l-oħra li dwarhom instabet il-ħtija, billi kif ingħad ma kellux ikun hemm verdett ta' ħtija wkoll għat-tieni Kap tal-Att tal-Akkuża stante li dan kien alternattiv għall-ewwel imputazzjoni, u fir-rigward tar-reat ikkontemplat fl-artikolu 86 tal-Kodiċi Kriminali kellu japplika l-konkors materjali tal-pieni, u allura dak maħsub fl-artikolu 17(h) tal-Kodiċi Kriminali, billi tiġi erogata l-piena għar-reat l-aktar gravi. Illi imbagħad il-piena kontemplata għar-reat imfassal fl-artikolu 209 tal-Kodiċi Kriminali, li jirriżulta ppruvat billi l-istupru ġie kommess f'post pubbliku, huwa dak tal-priġunerija sa massimu ta' tlett xhur jew il-multa, biex b'hekk allura l-piena ta' għoxrin sena priġunerija inflitta fuq l-appellant mill-Ewwel Qorti hija fil-massimu maħsub fil-liġi.

**54**. Illi allura għalkemm għandu jkun hemm aġġustament fil-piena, kif ingħad, madanakollu l-Qorti ma tistax ma tikkundannax l-aġir irreprensibbli u annimalesk tal-appellant li abbuża minn persuna dgħajfa, biex b'hekk mhux biss ikkommetta vjolenza fuqha, iżda attakka d-dinjita' tagħha bl-agħar mod

possibbli, tant illi l-aġir inkriminatorju tiegħu qajjem l-għagħa pubbliku b'iktar minn persuna waħda tant tiskerraħ dak li kien qed iseħħ li dan wassalhom biex jirrapurtaw lill-Pulizija għall-għajnuna, biex b'hekk il-Qorti ċertament ma tistax tkun klementi mal-ħati. Illi allura għalkemm ma huwiex il-każ illi l-Qorti teroga piena fil-massimu tagħha, ukoll għaliex l-appellant għandu fedina penali netta, madanakollu l-piena għandha tkun tali li tirrifletti l-gravita' tar-reat minnu ipperpetrat.

> **Hu veru ukoll dak li qal l-insinji Leo Page fil-ktieb tieghu, The Problem of Punishment, fis-sens li –**
>
> ***' …. The selection of the best treatment of an offender is a much more difficult problem than the question of his guilt.'***
>
> **Hu pero' ugwalment veru dak li inghad ghap-propositu tal-kwistjoni tal-piena fil-Criminal Law Review, July 1961, p.482 –**
>
> ***'The objects of which Judges commonly and properly have in mind, when imposing sentence, include not only the punishment and reformation of the offender, but also, and perhaps predominantly, the protection of the public.'***
>
> **Mr. Justice Birkett, f'konferenza li hu ta taht l-awspicji tal-Clarke Hall Society, - li hi socjeta intiza ghat-trattament riformatiku tal-hati – intitolata 'Criminal Justice Problems and Punishment' qal hekk –**
>
> ***'The Court's primary consideration must be the welfare of the community. To fail to be severe in certain cases is to do wrong to the community and to injure its interests.'"***
>
> **Dan hu iktar il-każ meta' skont Leo Page ga citat ikun każ ta' reat '*so hurtful to the public*' li l-Qorti ghandha thares maggjorment lejn id-dover taghha '*to protect the community*' (p.9) – u ma jistax ikun hemm dubbju li x-xorta ta' reat prezenti[20] hi ta' pjaga mill-iktar horox.[21]**

[20] Il-każ kien jitratta fost akkuzi ohra il-korruzzjoni ta' minorreni
[21] Il-Pulizija vs. Lorenzo Baldacchino.

**55. Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' l-appell parzjalment, tgħaddi għalhekk biex tirriforma kemm il-verdett kif ukoll is-sentenza appellata billi tikkonfermahom fejn l-appellant ġie illiberat mir-raba' w il-ħames Kapi tal-Att tal-Akkuża u fejn ġie misjub ħati tal-ewwel, it-tielet u is-sitt Kapi tal-Att tal-Akkuża, filwaqt li tirriforma l-istess verdett u s-sentenza billi tħassar fejn l-appellant ġie misjub ħati tat-tieni Kap tal-Att tal-Akkuża u minflok tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-istess tieni Kap ġaladarba dan il-Kap kien alternattiv għar-reat kontestat fl-Ewwel Kap, u tvarja l-piena inflitta billi għar-rigward tal-ewwel, it-tielet u is-sitt Kapi tal-Att tal-Akkuża u wara li rat l-artikoli 17(b) u (h) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta tikkundanna lill-appellant għall-piena ta' ħmistax-il sena priġunerija.**

**Tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija.**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**

**ONOR. IMĦALLEF EDWINA GRIMA**

**ONOR. IMĦALLEF AARON M. BUGEJA**